



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 22 ta' Novembru 2013 (04.12)
(OR. en)**

16222/13

**Fajl Interistituzzjonali:
2011/0371 (COD)**

**CODEC 2574
EDUC 437
JEUN 113
SPORT 104
SOC 938
RELEX 1027
RECH 539
CADREFIN 307
PE 514**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "ERASMUS GĦAL KULĦADD": il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Isport – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 18 sal-21 ta' Novembru 2013)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 tat-TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, biex b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p.5

F'dan il-kuntest, ir-relatur, Doris Pack (PPE, DE) ippreżentat emenda ta' kompromess (l-emenda 274) għall-proposta għal Regolament, f'isem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni. Din l-emenda ntlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

II. VOT

Meta vvotat fid-19 ta' Novembru 2013, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni kif hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal din in-nota¹.

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien maqbul preċedentement bejn l-istituzzjonijiet.

Il-Kunsill għalhekk għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

¹ Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet magħmulin mill-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati ***b'tipa grassa u bil-korsiv***. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P7_TA-PROV(2013)0460

Il-programm "Erasmus għal Kulħadd" *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "ERASMUS GĦAL KULĦADD" Il-Programm tal-Unjoni għall-Edukazzjoni, it-Taħriġ, iż-Żgħażaġħ u l-Isport (COM(2011)0788 – C7-0436/2011 – 2011/0371(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0788),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0436/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-29 ta' Marzu 2012¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012²,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-24 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Baġits, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0405/2012),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 154.

² ĠU L 225, 27.7.2012, p. 200.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-19 ta' Novembru 2013 bil-ħsieb li tadotta r-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "*Erasmus+*": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja³,

¹ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 154.

² ĠU C 225, 27.7.2012, p. 200.

³ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Novembru 2013.

Billi:

- (1) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 intitolata "Baġit għall-Ewropa" issejjaħ għal programm wieħed fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, inkluż l-aspetti internazzjonali tal-edukazzjoni għolja, li jiġbor flimkien il-programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja ("Tagħlim Tul il-Ħajja") stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, il-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni ("Żgħażaġħ fl-Azzjoni") stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE², il-programm ta' azzjoni Erasmus Mundus ("Erasmus Mundus") stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, il-programm ALFA III stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1905/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, u l-programmi Tempus u Edulink sabiex tiġi żgurata effiċjenza ikbar, fokus strateġiku iktar b'saħħtu u sinerġiji li jiġu sfruttati bejn l-aspetti varji tal-programm uniku. Barra minn hekk, l-isport ġie propost bħala parti minn dan il-programm uniku ("il-Programm").

¹ Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45).

² Deċiżjoni Nru 1719/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni għall-perjodu 2007-2013 (ĠU L 327, 24.11.2006, p. 30).

³ Deċiżjoni Nru 1298/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Programm ta' azzjoni Erasmus Mundus 2009-2013 għat-titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni superjuri u għall-promozzjoni tal-komprensjoni interkulturali permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 83).

⁴ Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

- (2) Ir-rapporti ta' evalwazzjoni interim tal-programmi eżistenti Tagħlim tul il-Ħajja, Żgħażaġħ fl-Azzjoni u Erasmus Mundus u l-konsultazzjoni mal-pubbliku dwar il-futur tal-azzjoni tal-Unjoni fl-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh kif ukoll fl-edukazzjoni għolja wrew il-ħtieġa b'saħħitha u f'ċerti aspetti li dejjem tiżdied għal kooperazzjoni u mobbiltà kontinwa f'dawk l-oqsma fuq livell Ewropew. Ir-rapporti tal-evalwazzjoni enfasizzaw l-importanza li jinħolqu rabtiet eqreb bejn il-programmi tal-Unjoni u l-iżvilupp ta' politiki fl-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh, urew ix-xewqa li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun strutturata b' tali mod li tirrispondi aħjar għall-paradigma tat-tagħlim tul il-ħajja, u ppressat għal approċċ aktar sempliċi, faċli u flessibbli biex tiġi implimentata din l-azzjoni u t-tmiem tal-frammentazzjoni ta' programmi internazzjonali ta' kooperazzjoni għal edukazzjoni għolja.

I

- (3) *Il-Programm għandu jiffoka fuq l-aċċessibbiltà tal-finanzjament u t-trasparenza tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) u d-diġitalizzazzjoni. Is-simplifikazzjoni tal-organizzazzjoni u l-ġestjoni, u attenzjoni sostnuta lejn it-tnaqqis tal-infiq amministrattiv huma vitali għas-suċċess tal-Programm.*
- (4) Il-konsultazzjoni pubblika dwar l-għażliet strateġiċi tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-kompetenza l-ġdida tal-Unjoni fil-qasam tal-isport u r-rapport ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet preparatorji fil-qasam tal-isport taw indikazzjonijiet utli dwar l-oqsma ta' prijetà għall-azzjoni tal-Unjoni u wrew il-valur miżjud li l-Unjoni tista' tagħti lill-attivitajiet ta' appoġġ immirati li jgħolqu, jaqsmu u jifirxu l-esperjenzi u l-għarfien dwar kwistjonijiet differenti li jaffettwaw l-isport fuq livell Ewropew, *dejjem sakemm ikunu prinċipalment iffukati fil-livell tal-popolazzjoni bażika.*

- (5) L-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv tiddefinixxi l-istrateġija ta' tkabbir tal-Unjoni għad-deċennju li ġej biex tappoġġa tali tkabbir, u tiffissa ħames objettivi ambizzjużi li għandhom jintlaħqu sal-2020, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni, fejn l-għan huwa li r-rati ta' tluq mill-iskola qabel iż-żmien biex jitnaqqsu taħt l-10 % u li tal-inqas 40 % tan-nies bejn it-30-34 sena jiġu permessi jlestu l-edukazzjoni *terzjarja jew ekwivalenti*. Dan jinkludi wkoll l-inizjattivi ewlenin tagħha, partikolarment “Żgħażaġħ fl-Azzjoni” u l-Aġenda għall-Filiet u l-Impjiegi l-Ġodda.
- (6) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Mejju 2009, il-Kunsill talab li jkun hemm qafas strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) li jiffissa erba' miri strateġiċi bil-għan li jilhqqu l-isfidi li għad fadal biex tinholq Ewropa bbażata fuq l-għarfien u biex it-tagħlim tul il-ħajja jsir realtà għal kulħadd.

- (7) Skont l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll l-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Programm jippromwovi inter alia l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgħiel u miżuri kontra d-diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. ***Hemm il-ħtieġa li l-aċċess minn membri ta' gruppi żvantaġġjati u vulnerabbli jitwessa' u li l-ħtiġijiet ta' taġħlim speċjali tal-persuni b'diżabbiltà jiġu indirizzati b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-Programm.***

- (8) Il-Programm għandu jinkludi dimensjoni internazzjonali solida b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni għolja, sabiex mhux biss itejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni għolja Ewropea fir-rigward tal-miri wesgħin tal-ET 2020 u l-attrazzjoni tal-Unjoni bħala destinazzjoni tal-istudju, iżda wkoll biex jippromwovi l-fehim bejn in-nies u *jikkontribwixxi* għall-iżvilupp sostenibbli tal-edukazzjoni għolja f'pajjiżi sħab, *kif ukoll l-iżvilupp soċjoekonomiku usa' tagħhom, inter alia billi tiġi stimolata ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ permezz ta' azzjonijiet ta' mobbiltà ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Għal dan l-għan, il-finanzjament għandu jsir disponibbli mill-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Istrument ta' Sħubija għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (PI). Il-fondi jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (EDF) f'konformità mal-proċeduri li jiggvernawh. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-użu ta' daww il-fondi, filwaqt li tiġi żgurata konformità mar-Regolamenti rispettivi li jistabbilixxu daww l-istrumenti u dak il-fond.*

- (9) Fir-risoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018), il-Kunsill ***enfasizza l-bżonn li*** ż-żgħażaġh kollha ***jitqiesu*** bħala riżorsa fis-soċjetà u ***fittex li jiffaċilita l-parteċipazzjoni*** tagħhom fl-iżvilupp tal-politiki li jaffettwawhom permezz ta' djalogu strutturat kontinwu bejn min jieħu d-deċiżjonijiet u ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet tal-istess żgħażaġh fuq kull livell.
- (10) ***Il-fatt li jinġiebu flimkien tagħlim formali, tagħlim non-formali u tagħlim informali fi programm uniku għandu joħloq sinerġiji u jrawwem kooperazzjoni trans-settorjali fid-diversi oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh. Matul l-implimentazzjoni tal-Programm, il-bżonnijiet speċifiċi tad-diversi setturi u, fejn ikun xieraq, ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq.***

- (11) Biex tappoġġa l-mobbiltà, l-ekwità u l-eċċellenza fl-istudji, l-Unjoni, ***fuq bażi ta' proġett pilota***, għandha tistabbilixxi ***Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti*** biex tippermetti lill-istudenti, irrispettivament mill-isfond soċjali tagħhom, biex jagħmlu l-Masters tagħhom f'pajjiż ieħor li għalih hija miftuħa l-parteċipazzjoni fil-Programm (il-"pajjiż fil-Programm"). Il-Faċilità ***ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti*** għandha tkun disponibbli lill-istituzzjonijiet finanzjarji li jaqblu li joffru self għall-istudji tal-Masters f'pajjiżi oħrajn fil-Programm b'termini favorevoli għall-istudenti. ***Din l-għodda addizzjonali u innovattiva għall-mobbiltà fit-tagħlim m'għandhiex tissottitwixxi la sistemi ta' għotjiet jew self attwali, u lanqas għandha timpedixxi l-iżvilupp ta' dawk futuri, li jappoġġaw il-mobbiltà tal-istudenti fil-livell lokali, nazzjonali jew tal-Unjoni. Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti għandha tkun soġġetta għal monitoraġġ u valutazzjoni mill-qrib, b'mod partikolari fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tagħha f'pajjiżi differenti. F'konformità mal-Artikolu 21(2) u (3), għandu jitressaq rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn tmiem l-2017, bl-għan li tinkiseb gwida politika dwar it-tkomplija tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti.***

- (12) L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex iwarribu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Programm. Dan ***jinkludi, fejn ikun possibbli, is-sejba ta' soluzzjoni għall-kwistjonijiet amministrattivi li jgħolqu diffikultajiet fil-kisba tal-viżi u ta' permessi ta' residenza.*** F'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE¹, l-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu proċeduri ta' ammissjoni iktar rapida.
- (13) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 intitolata “Appoġġ għat-
tkabbir u l-impjiegi – aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja tal-Ewropa” tiffissa qafas li fih l-Unjoni, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jistgħu jikkooperaw biex jagħtu spinta lill-għadd ta' gradwati, biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni u biex jimmassimizzaw l-kontribuzzjoni li l-edukazzjoni għolja u r-riċerka jistgħu jagħtu biex jgħinu lill-ekonomiji tal-Istati Membri u s-soċjetajiet tagħna joħorġu aktar b'saħħithom mill-kriżi ekonomika dinjija.

¹ Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat- 13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12).

- (14) *Sabiex jiġi indirizzat aħjar il-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Unjoni, għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-kooperazzjoni transnazzjonali bejn l-istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja u vokazzjonali u n-negozji, bil-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà tal-istudenti u jiġu żviluppati l-ħiliet imprenditorjali.*
- (15) Id-Dikjarazzjoni ta' Bolonja, iffirmata mill-Ministri tal-Edukazzjoni ta' 29 pajjiż Ewropew fid-19 ta' Ġunju 1999, stabbilixxiet proċess intergovernattiv immirat biex joħloq żona Ewropea ta' edukazzjoni għolja", li għandha bżonn appoġġ ***kontinwu*** fuq livell tal-Unjoni.

- (16) *Ir-rwol kruċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) biex jgħinu sabiex jinkisbu numru ta' miri stipulati fl-istrateġija Ewropa 2020 huwa rikonoxxut b'mod ġenerali u definit fil-proċess ta' Kopenhagen imġedded (2011-2020), b'mod partikolari b'kont meħud tal-potenzjal tiegħu fl-indirizzar tal-livell għoli ta' qgħad fl-Ewropa, b'mod speċjali l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-qgħad fit-tul, il-promozzjoni ta' kultura ta' tagħlim tul il-ħajja, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-promozzjoni ta' ċittadinanza attiva. Traineeships u apprendistati ta' kwalità, inkluż dawk f'mikrointrapriżi u f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, huma meħtieġa sabiex jonqos id-distakk bejn l-għarfien miksub permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kapaċitajiet u l-kompetenzi meħtieġa fid-dinja tax-xogħol, kif ukoll biex tissaħħaħ l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh.*

- (17) Huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-intensità u l-firxa ta' kooperazzjoni Ewropea bejn l-iskejjel, u tal-mobbiltà tal-persunal tal-iskola u ta' dawk li qed jitgħallmu sabiex jiġu ttrattati l-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda għall-Kooperazzjoni Ewropea dwar l-Iskejjel għas-Seklu²¹, jiġifieri biex tittejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Unjoni fl-oqsma ta' żvilupp kompetenti u sabiex jiġu mtejbja l-ekwità u l-inklużjoni fis-sistemi skolastiċi u fl-istituzzjonijiet, kif ukoll biex tissaħħaħ il-professjoni tal-ġhalliema u tat-tmexxija tal-iskola ***u jingħatalhom appoġġ***. F'dan il-kuntest, ■ il-miri strateġiċi biex jitnaqqas it-tluq mill-iskola qabel iż-żmien, tittejjeb il-prestazzjoni fil-ħiliet bażiċi, u jittejbu l-parteciġipazzjoni u l-kwalità fl-edukazzjoni u l-kura fit-tfulija bikrija ***għandhom jingħataw prijorità*** flimkien ma' miri li jsaħħu l-kompetenzi professjonali tal-ġhalliema u tal-mexxejja tal-iskola, u li jtejbu l-opportunitajiet edukattivi għat-tfal li kienu migranti u ta' dawk li qegħdin fi żvantaġġ soċjoekonomiku.

- (18) L-Aġenda Ewropea għat-Tagħlim tal-Adulti, li ġiet imġedda, inluża fir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2011 li timmira biex tippermetti lill-adulti kollha biex jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom matul ħajjithom. ***Għandha tingħata attenzjoni*** partikolari lit-titjib ***tal-opportunitajiet ta' tagħlim*** għall-għadd għoli ta' Ewropej b'ħiliet baxxi, ***b'mod partikolari billi jittejjeb il-litteriżmu u l-għarfien diġitali u billi jiġu promossi rotot flessibbli ta' tagħlim u miżuri biex wieħed jingħata t-tieni opportunità.***
- (19) L-azzjoni tal-Forum taż-Żgħażaġħ Ewropej, iċ-Ċentri ta' Informazzjoni dwar Rikonossiment Akkademiku Nazzjonali (NARIC), in-networks Eurydice, Euroguidance u Eurodesk, kif ukoll is-Servizzi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-eTwinning, iċ-Ċentri Nazzjonali Europass u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Informazzjoni fil-pajjiżi tal-viċinat hija essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-Programm, b'mod partikolari billi jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni regolari u aġġornata dwar l-oqsma varji tal-attività u permezz tad-disseminazzjoni tar-riżultati tal-Programm fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab.

- (20) Il-kooperazzjoni taħt il-Programm mal-organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport għandha tissaħħaħ, b'mod partikolari mal-Kunsill tal-Ewropa.
- (21) ***Bil-għan li jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-eċċellenza fl-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea madwar id-dinja u biex jingħata rispons għall-ħtieġa dejjem akbar ta' għarfien u jsir dialogu dwar il-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u l-iżvilupp tiegħu, huwa importanti li tiġi stimulata l-eċċellenza fl-istruzzjoni, fir-riċerka u fir-riflessjoni f'dan il-qasam billi jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet akkadeimiċi jew l-assoċjazzjonijiet attivi fil-qasam tal-integrazzjoni Ewropea u assoċjazzjonijiet b'għan ta' interess Ewropew, permezz tal-Azzjoni Jean Monnet.***

- (22) *Il-Kooperazzjoni taħt il-Programm mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport, fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, hija ta' importanza kbira sabiex toholoq sens ta' sjieda wiesgħa fir-rigward ta' strateġiji u politiki ta' tagħlim tul il-ħajja u biex jittqiesu l-ideat u t-tħassib tal-partijiet interessati f'kull livell.*
- (23) Il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-18 ta' Jannar 2011 intitolata "L-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport" tistabbilixxi l-ideat tal-Kummissjoni għal azzjoni fil-livell tal-Unjoni fil-qasam tal-isport wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u tipproponi lista ta' azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri *sabiex ikabbru l-identità Ewropea fl-isport* fi tliet kapitoli wesgħin: ir-rwol tal-isport fis-soċjetà, id-dimensjoni ekonomika tal-isport u l-organizzazzjoni tal-isport. *Jehliegħ ukoll li jittqies il-valur miżjud tal-isport, inklużi sports indiġeni, u l-kontribuzzjoni tiegħu għall-wirt kulturali u storiku tal-Unjoni.*

- (24) *Hemm bżonn li tingħata attenzjoni partikolari għall-isport tal-massa u l-volontarjat fl-isport, minħabba r-rwol importanti li jiżvolġu fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u l-attività fiżika li ġġib 'il quddiem is-saħħa.*
- (25) It-titjib fit-trasparenza **u r-rikonoxximent** ta' kwalifiki u kompetenzi u l-aċċettazzjoni estiża tal-ġhodod *ta' trasparenza u rikonoxximent* tal-Unjoni għandhom *jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-edukazzjoni u tat-taħriġ ta' kwalità, u jiffaċilitaw* **il-mobbiltà kemm għat-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll** għall-finijiet ta' xogħol *fl-Ewropa kollha*, bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn is-setturi. Il-ftuħ tal-aċċess għal metodi, prattiki u teknoloġiji **użati f'pajjiżi oħra jgħin**hom itejbu l-impjegabbiltà tagħhom **.**

- (26) Għal dak il-għan, huwa rakkomandat li jsir użu estiż mill-qafas uniku tal-Unjoni għat-trasparenza tal-kwalifiki u l-kompetenzi (Europass) stabbilit mid-Deċizzjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, ***ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR) u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA) stabbiliti permezz tar-Rakkomandazzjoni 2006/143/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***², il-Qafas tal-Kwalifiki Ewropew (EQF) stabbilit permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008³, is-Sistema ta' Krediti Ewropej għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) stabbilita permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009⁴, ***u l-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET)*** stabbilita permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009⁵ u tas-Sistema Ewropea ta' Trasferiment u Akkumulazzjoni tal-Krediti (ECTS).

¹ Deċizzjoni Nru 2241/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar qafas Komunitarju waħdieni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass) (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 6).

² Rakkomandazzjoni 2006/143/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar il-kooperazzjoni Ewropea fl-Assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 60)."

³ Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 111, 6.5.2008, p.1).

⁴ Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema ta' Krediti Ewropej għat-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) (ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11).

⁵ Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas Ewropew ta' Referenza għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1).

- (27) Sabiex tiġi żgurata effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa b'inizjattiva tal-Kummissjoni, ir-riżorsi allokat i għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll biex ikopru l-komunikazzjoni bejn il-korpi dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawn huma relatati mal-oġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.
- (28) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat il-valur miżjud Ewropew tal-azzjonijiet kollha mwettqa fil-qafas tal-Programm, u l-komplementarjetà tagħhom mal-attivitajiet mwettqa mill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu^o167(4) tat-TFUE u mal-attivitajiet oħra, b'mod partikolari dawk *fl-oqsma* tal-kultura *u l-media, l-impjiegi*, ir-riċerka *u l-innovazzjoni, l-industrija u l-intrapriżi*, il-politika ta' koeżjoni *u tal-iżvilupp, kif ukoll* il-politika *u l-inizjattivi* tat-tkabbir, *l-istrumenti u l-istrategġiji fil-qasam tal-politika reġjonali* u r-relazzjonijiet esterni.

- (29) *Il-Programm huwa maħsub biex ikollu impatt pożittiv u sostenibbli fuq il-politiki u l-prattiki tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport. Dak l-impatt sistemiku għandu jinkiseb permezz ta' diversi azzjonijiet u attivitajiet previsti fil-Programm, li għandhom l-għan li jrawmu tibdiliet fil-livell istituzzjonali u li jwasslu, fejn ikun xieraq, għal innovazzjoni fil-livell tas-sistemi. Proġetti individwali li għalihom jiġi mfittex appoġġ finanzjarju mill-Programm mhumiex meħtieġa jkollhom impatt sistemiku bħala tali. Huwa r-riżultat kumulattiv ta' dawk il-proġetti li għandu jikkontribwixxi għall-otteniment tal-impatt sistemiku.*
- (30) Il-ġestjoni effikaċi tal-prestazzjoni, inkluż l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, teħtieġ l-iżvilupp ta' indikaturi speċifiċi, *li jitkejlu u realistiċi* tal-prestazzjoni li jistgħu jitkejlu maż-żmien u li jirriflettu l-loġika tal-intervenzjoni .
- (31) *Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jottimizzaw l-użu tal-ICTs u tat-teknoloġiji ġodda sabiex jiffaċilitaw l-aċċess għal azzjonijiet b'rabta mal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport . Dan jista' jinkludi l-mobbiltà virtwali, li għandha tikkomplimenta iżda mhux tissostitwixxi l-mobbiltà fit-tagħlim.*

- (32) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-Programm, li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' ... 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba¹⁺, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.
- (33) *Sabiex tkun żgurata l-kontinwità fl-appoġġ finanzjarju provdut taħt il-Programm għall-funzjonament tal-korpi, il-Kummissjoni għandha, matul il-fażi inizjali tal-Programm, tkun tista' tikkunsidra l-ispejjeż marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati bħala eliġibbli għall-finanzjament, anki jekk il-benefiċjarju jkun ġarrabhom qabel ma tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-għotja.*
- (34) *Hemm ħtieġa* li jiġu stabbiliti kriterji ta' prestazzjoni li fuqhom l-allokazzjoni tal-fondi tal-baġit bejn l-Istati Membri għall-azzjonijiet ġestiti mill-aġenziji nazzjonali għandha tkun ibbażata.
- (35) Il-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-Unjoni u daww il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jistgħu jieħdu sehem fil-programmi tal-Unjoni fuq il-bażi ta' ftehimiet ta' qafas, deċiżjonijiet ta' Kunsilli ta' Assoċjazzjoni jew ftehimiet simili.

¹ ĠU L ...

⁺ Nota lill-ĠU: daħħal id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ftehim fid-dokument st 11838/2013.

- (36) Il-Konfederazzjoni Svizzera tista' tipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni skont ftehim li jrid jiġi ffirmat bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż.
- (37) *Individwi minn pajjiż jew territorju extra-Ewropew (OCT) u korpi jew istituzzjonijiet kompetenti pubbliċi u/jew privati minn OCT jistgħu jipparteċipaw fil-programmi f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE¹. Ir-restrizzjonijiet imposti mid-distanza tar-reġjuni l-iktar imbiegħda tal-Unjoni u tal-OCTs għandhom jitqiesu meta jiġi implimentat il-Programm.*
- (38) Il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, fil-komunikazzjoni konġunta tagħhom tal-25 ta' Mejju 2011 intitolata "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni", iddeskrivew, inter alia, il-mira li **jkomplu** jiffaċilitaw aktar il-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-viċinat fil-mobbiltà tal-Unjoni u fl-azzjonijiet ta' bini ta' kapaċità fl-edukazzjoni għolja u l-ftuħ fil-ġejjieni tal-programm ta' edukazzjoni għall-pajjiżi tal-viċinat.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KEE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar Assoċjazzjoni lil hinn mill-Baħar") (ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1)

- (39) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati matul iċ-ċiklu tan-nefqa, inklużi l-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi li jkunu ntilfu, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett u, fejn xieraq, penali. Filwaqt li l-għajnuna esterna tal-Unjoni għandha iktar bżonn ta' finanzjament, is-sitwazzjoni ekonomika u baġitarja tal-Unjoni tillimita r-riżorsi disponibbli għal din l-għajnuna. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tipprova tuża bl-iktar mod effiċjenti **u sostenibbli** r-riżorsi disponibbli partikolarment permezz tal-istrumenti finanzjarji b'effett ta' lieva.
- (40) *Biex jittejjeb l-aċċess għall-Programm, l-għotjiet ta' appoġġ għall-mobbiltà tal-individwi għandhom jiġu aġġustati għall-ispejjeż ta' għajxien u ta' sussistenza tal-pajjiż ospitanti. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom ukoll jithegħġu jeżentaw lil dawk l-għotjiet minn kwalunkwe taxxa u imposta soċjali. L-istess eżenzjoni għandha tapplika għal korpi pubbliċi jew privati li jagħtu dan l-appoġġ finanzjarju lill-individwi kkonċernati.*

- (41) *F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, il-ħin tal-volontarjat jista' jiġi rikonoxxut bħala kofinanzjament fil-forma ta' kontribuzzjonijiet mhux fi flus.*
- (42) Fil-komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 intitolata "Baġit għall-Ewropa 2020", tad-29 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni impenjat ruħha biex tissemplifika l-finanzjament tal-Unjoni. Il-ħolqien ta' programm uniku dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport għandu jwassal għal simplifikazzjoni sinifikanti, razjonalizzazzjoni u sinerġiji sinifikanti fil-ġestjoni tal-Programm. L-implimentazzjoni tal-Programm għandha tkun issimplifikata aktar bl-użu ta' somom f'daqqa, spejjeż unitarji jew finanzjament b'rata fissa, kif ukoll bit-tnaqqis tar-rekwiżiti formali *u burokratiċi* għall-benefiċjarji u l-Istati Membri.
- (43) *It-titjib tal-implimentazzjoni u l-kwalità tal-infiq għandhom jikkostitwixxu prinċipji gwida biex jinkisbu l-oġettivi tal-Programm, waqt li jiġi żgurat l-użu ottimali tar-riżorsi finanzjarji.*

¹ *Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).*

- (44) *Huwa importanti li tiġi żgurata l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-Programm, kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu bl-aktar mod effikaċi u sempliċi għall-utent, filwaqt li jiġu żgurati wkoll iċ-ċertezza legali u l-aċċessibbiltà tal-Programm għall-partiċipanti kollha.*
- (45) Sabiex tiġi żgurata reazzjoni ta' malajr għall-ħtiġijiet li jinbidlu matul matul it-tul tal-Programm, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet mal-azzjonijiet **addizzjonali** mmexxija mill-aġenziji nazzjonali. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (46) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

I

¹ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (47) *Il-Programm għandu jkopri tliet oqsma differenti, u l-kumitat stabbilit skont dan ir-Regolament għandu jittratta kemm kwistjonijiet orizzontali kif ukoll daww settorjali. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiżguraw li jibagħtu r-rappreżentanti rilevanti sabiex jattendu laqgħat ta' dak il-kumitat f'konformità mat-temi li jkun hemm fl-aġenda tiegħu, u huwa f'idejn il-president tal-kumitat li jiżgura li l-aġendi tal-laqgħat ikunu jindikaw b'mod ċar is-settur jew is-setturi involuti u t-temi, skont kull wieħed mis-setturi, li se jiġu diskussi waqt kull laqgħa. Fejn ikun xieraq, u f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat u fuq bażi ad hoc, għandu jkun possibbli li jiġu mistiedna esperti esterni, inklużi rappreżentanti tas-sħab soċjali, biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kumitat bħala osservaturi.*
- (48) Huwa xieraq li jiġi żgurat l-għeluq korrett tal-Programm, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontinwazzjoni tal-arranġamenti pluriennali għall-ġestjoni tiegħu, bħal finanzjament ta' assistenza teknika u amministrattiva. Mill-1 ta' Jannar 2014, l-assistenza teknika u amministrattiva għandha tiżgura, jekk meħtieġ, il-ġestjoni tal-ażżjonijiet li għadhom ma ġewx iffinalizzati bil-programmi predeċessuri sa tmiem l-2013,

- (49) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi l-Programm, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri imma jista' għalhekk, minħabba raġunijiet tal-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell ta' Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jistax imur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.
- (50) Id-Deċiżjonijiet Nru 719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 298/2008/KE għandhom għalhekk jitħassru,
- (51) ***Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fl-appoġġ finanzjarju provdut taħt il-Programm, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014. Għal raġunijiet ta' urġenza, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ kemm jista' jkun malajr wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I
Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1
Ambitu tal-Programm

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi programm għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport li jissejjaħ "**Erasmus+**" ("il-Programm").
2. Il-Programm għandu jiġi implimentat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.
3. Il-Programm *għandu jkopri l-oqsma li ġejjin, filwaqt li jirrispetta l-istrutturi u l-bżonnijiet speċifiċi tad-diversi setturi fl-Istati Membri:*
 - (a) l-edukazzjoni *u t-taħriġ* fil-livelli kollha, f'perspettiva ta' taġħlim tul il-ħajja, *inklużi l-edukazzjoni skolastika (Comenius), l-edukazzjoni għolja (Erasmus), l-edukazzjoni għolja internazzjonali (Erasmus Mundus), l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (Leonardo da Vinci) u t-taġħlim tal-adulti (Grundtvig);*

(b) iż-żgħażaġh (*Żgħażaġħ fl-Azzjoni*), b'mod partikolari *fil-kuntest ta' taġlim mhux formali u informali*;

(c) *l-isport, b'mod partikolari l-isport tal-massa.*

4. *Il-Programm għandu jinkludi dimensjoni internazzjonali mmirata biex tappoġġa l-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi l-oġettivi taġha għall-iżvilupp, permezz tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-pajjiżi sħab.*

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "taġlim tul il-ħajja" tfisser l-edukazzjoni ġenerali kollha, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, it-taġlim informali u t-taġlim mhux formali li jkun sar tul il-ħajja, li jwassal għal titjib fl-għarfien, fil-ħiliet u fil-kompetenzi *jew il-parteeċipazzjoni fis-soċjetà* f'perspettiva personali, ċivika, *kulturali*, soċjali u/jew tkun relatata mal-impjieg, inkluż l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza u gwida;

- (2) *"tagħlim mhux formali" tfisser tagħlim li jseħħ permezz ta' attivitajiet ippjanati (f'termini ta' objettivi tat-tagħlim u ħin għat-tagħlim) li jinkludu xi forma ta' appoġġ għat-tagħlim (eż. relazzjoni bejn student u għalliem), iżda li mhumiex parti mis-sistema formali ta' edukazzjoni u taħriġ;*
- (3) *"tagħlim informali" tfisser tagħlim li jirriżulta minn attivitajiet ta' kuljum b'rabta max-xogħol, il-familja jew ir-rikreazzjoni li mhuwiex organizzat jew strutturat f'termini ta' objettivi, ħin jew appoġġ għat-tagħlim; jista' ma jkunx intenzjonali mill-perspettiva tal-istudent;*
- (4) *"djalogu strutturat" tfisser djalogu maż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, li jservi bħala forum għal riflessjoni konġunta kontinwa dwar il-prijoritajiet, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh;*
- (5) *"transnazzjonali", sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, tfisser kwalunkwe azzjoni li tinvolvi mill-inqas żewġ pajjiżi fil-Programm kif imsemmi fl-Artikolu 24(1);*

- (6) *"internazzjonali" tfisser kwalunkwe azzjoni li tinvolvi mill-inqas pajjiż fil-Programm wieħed u mill-inqas pajjiż terz wieħed ("pajjiż sħab");*
- (7) *"mobbiltà fit-tagħlim" tfisser iċ-ċaqliq fiżiku minn pajjiż li mhux il-pajjiż tar-residenza, sabiex isir studju, taħriġ jew tagħlim mhux formal **jew informali**; **hija tista' tieħu l-forma ta' traineeships, apprendistatiskambji bejn iż-żgħażaġh, volontarjat**, tagħlim jew parteċipazzjoni f'attività ta' żvilupp professjonali u tista' tinkludi **attivitajiet preparatorji, bħal** taħriġ fil-lingwa tal-pajjiż ospitanti, kif ukoll **li jintbagħtu n-nies, jiġu ospitati n-nies u attivitajiet ta' segwitu**;*
- (8) *"kooperazzjoni għall-innovazzjoni u **l-iskambju ta'** prattiki tajbin" tfisser proġetti ta' kooperazzjoni transnazzjonali **u internazzjonali** li jinvolvu organizzazzjonijiet attivi fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u/jew taż-żgħażaġh u jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet oħra;*

- (9) "appoġġ għar-riforma tal-politika" tfisser kull tip ta' attività mmirata biex tappoġġa u tiffaċilita l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, **kif ukoll appoġġ għall-iżvilupp tal-politika Ewropea dwar iż-żgħażaġh**, permezz tal-proċess ta' kooperazzjoni politika bejn l-Istati Membri, partikolarment **il-Metodu Miftuħ** ta' Koordinazzjoni **u d-djalogu strutturat maż-żgħażaġh**;
- (10) "mobbiltà virtwali" **tfisser** sett ta' attivitajiet appoġġati mit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet, **inkluż it-tagħlim fuq l-internet**, organizzati fuq livell istituzzjonali, li jirrealizzaw jew jiffaċilitaw esperjenzi kollaborattivi **transnazzjonali u/jew internazzjonali** f'kuntest ta' istruzzjoni u/jew tagħlim;
- (11) "persunal" tfisser persuni li, jew fuq bażi professjonali jew volontarja, huma involuti fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fit-tagħlim mhux formali taż-żgħażaġh, u jista' jinkludi **professuri**, għalliema, persuni li jħarrġu, mexxejja tal-iskola, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u persunal mhux edukattiv;

- (12) "ħaddiem li jaħdem maż-żghażaġh" tfisser professjonist jew voluntier involut fit-tagħlim mhux formali *li jappoġġa liż-żghażaġh fl-iżvilupp personali, soċjoeducattiv u professjonali tagħhom*;
- (13) "żghażaġh" tfisser individwi bejn it-13 u t-30 sena;
- (14) "istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja" tfisser:
- (a) kull tip ta' istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja li, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, toffri lawrji rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħra ta' livell terzjarju, irrispettivament mill-isem ta' tali stabbiliment;
 - (b) kull istituzzjoni li, skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali, toffri edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali fuq livell terzjarju;

I

- (15) "lawrji konġunti" tfisser programm ta' studju integrat offrut tal-inqas minn żewġ istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li jirriżulta f'ċertifikat wieħed ta' lawrja maħruġ u ffirmat b'mod konġunt mill-istituzzjonijiet parteċipanti kollha u rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiżi fejn jinsabu l-istituzzjonijiet parteċipanti;
- (16) "lawrja doppja/lawrji multipla" tfisser programm ta' studju offrut tal-inqas minn żewġ istituzzjonijiet (doppji) jew iktar (multipli) tal-edukazzjoni għolja li permezz tiegħu l-istudent kif ilesti l-programm ta' studju jirċievi ċertifikat separat ta' lawrja minn kull istituzzjoni parteċipanti;
- (17) "attività taż-żgħażaġh" tfisser attività barra mill-iskola (bħal skambju ta' żgħażaġh, volontarjat, **taħriġ għaż-żgħażaġh**) imwettqa minn żgħażuġh, individwalment jew fi grupp, **b'mod partikolari permezz ta' organizzazzjonijiet għaż-żgħażaġh u** kkaratterizzata b'approċċ ta' taġlim mhux formali;

- (18) "sħubija" tfisser ftehim bejn grupp ta' istituzzjonijiet *u/jew* organizzazzjonijiet *f'pajjiżi fil-Programm* differenti sabiex iwettqu attivitajiet Ewropej konġunti *fl-oqsma* tal-*edukazzjoni*, tat-taħriġ, taż-żgħażaġh *u tal-isport* jew biex jistabbilixxu netwerk formali jew informali f'qasam rilevanti, *bħal proġetti ta' taħlim konġunt għall-istudenti u l-għalliema tagħhom fl-għamla ta' skambji tal-klassijiet u individwali, inkluża l-mobbiltà fit-tul, programmi intensivi fl-edukazzjoni għolja u kooperazzjoni bejn awtoritajiet reġjonali u lokali biex titrawwem il-kooperazzjoni inter-reġjonali, inkluża dik transkonfinali; tista' tiġi estiża għall-istituzzjonijiet u/jew l-organizzazzjonijiet mill-pajjiżi sħab bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kwalità tas-sħubija;*

- (19) "kompetenzi ewlenin" tfisser is-sett bażiku ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet, li l-individwi kollha għandhom bżonn għas-sodisfazzjon u l-iżvilupp personali, għaċ-ċittadinanza attiva, għall-inklużjoni soċjali u għall-impjieg, *kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹;

¹ *Ir-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10).*

- I**
- (20) "Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (**MMK**)" tfisser metodu intergovernattiv li jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, li l-politiki nazzjonali tagħhom b'hekk jistgħu jiġu diretti lejn ċerti objettivi komuni; fl-ambitu ta' dan il-Programm, l-MMK japplika għall-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh;
 - (21) "għodod ta' trasparenza **u rikonoxximent tal-Unjoni**" tfisser strumenti li jgħinu lill-partijiet interessati jifhmu, japprezzaw u kif adatt jirrikonoxxu l-eżiti tat-tagħlim u l-kwalifiki fl-Unjoni kollha;
 - (22) "pajjiżi tal-viċinat" tfisser il-pajjiżi u t-territorji elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^{1*} **I**;

¹ Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jistabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠU L ...).

* Nota lill-ĠU: daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-pubblikazzjoni tar-Regolament fid-dokument 2011/0405 (COD).

- (23) "karriera doppja" tfisser taħlita ta' taħriġ sportiv fuq livell għoli mal-edukazzjoni ġenerali jew max-xogħol;
- (24) ***"l-isport tal-massa" tfisser l-isport organizzat fil-livell lokali mill-isportivi mhux professjonali, u l-isport għal kulħadd.***

Artikolu 3
Valur miżjud Ewropew

1. Il-Programm għandu jappoġġa biss dawk l-azzjonijiet u l-attivitajiet li jippreżentaw valur miżjud Ewropew potenzjali u li jikkontribwixxi għall-ksib tal-għan ġenerali kif imsemmi fl-Artikolu 4.

2. Il-valur miżjud Ewropew tal-azzjonijiet u l-attivitajiet tal-Programm għandu jiġi żgurat partikolarment permezz ta':
- (a) il-karattru transnazzjonali tagħhom, partikolarment ***fir-rigward tal-mobbiltà*** u l-kooperazzjoni mmirati lejn ***il-kisba ta' impatt sistematiku sostenibbli***;
 - (b) il-komplimentarjetà u s-sinerġija tagħhom ma' programmi u politiki oħra ***fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali***;
 - (c) il-kontribut tagħhom għall-użu effettiv tal-għodod ***ta' trasparenza u rikonoxximent*** tal-Unjoni .

Artikolu 4
Objettivi ġenerali tal-Programm

Il-Programm ***għandu*** jikkontribwixxi ***sabiex jinkisbu***:

- (a) l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, ***inkluża l-mira ewlenija tal-edukazzjoni***;

- (b) *l-objettivi* tal-qafas strateġiku *għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ* ("ET 2020"), inklużi l-punti ta' riferiment korrispondenti;
- (c) l-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi sħab fil-qasam tal-edukazzjoni għolja;
- (d) *l-objettivi ġenerali* tal-qafas imġedded ta' kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018);
- (e) *l-objettiv* tal-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, *b'mod partikolari l-isport tal-massa, f'konformità mal-pjan ta' ħidma tal-Unjoni għall-isport; kif ukoll*
- (f) *il-promozzjoni tal-valuri Ewropej f'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*

I

KAPITOLU II
Edukazzjoni *u* taħriġ

Artikolu 5
Objettivi speċifiċi

1. *F'konformità mal-objettiv ġenerali tal-Programm kif speċifikat fl-Artikolu 4, b'mod partikolari l-objettivi tal-ET 2020, kif ukoll l-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi sħab fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, il-Programm għandu jilħaq l-objettivi speċifiċi :*
- (a) itejjeb il-livell tal-kompetenzi u tal-ħiliet ewlenin *b'rigward* partikolari *għar-relevanza* tagħhom għas-suq tax-xogħol u *l-kontribuzzjoni* tagħhom għal soċjetà *koeżiva*, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-opportunitajiet ta' mobbiltà ta' tagħlim u permezz tal-kooperazzjoni msaħħa *bejn id-dinja* tal-edukazzjoni *u t-taħriġ* u d-dinja tax-xogħol;

—

(b) irawwem titjib fil-kwalità, eċċellenza fl-innovazzjoni u internazzjonalizzazzjoni fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ***u t-taħriġ*** , b'mod partikolari permezz tal-kooperazzjoni transnazzjonali msaħħa bejn min jipprovdi l-edukazzjoni u t-taħriġ u partijiet interessati oħra;

– ■

(c) jippromwovi l-ħolqien ta', ***u s-sensibilizzazzjoni dwar***, qasam Ewropew għat-tagħlim tul il-ħajja mfassal biex ***jikkumplimenta*** riformi ta' politika fil-livell nazzjonali ***u li*** jappoġġa l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ , b'mod partikolari permezz ta' politika ta' kooperazzjoni msaħħa, l-użu aħjar tal-għodod ta' trasparenza ***u rikonoxximent tal-Unjoni*** u d-disseminazzjoni ta' prattiki tajbin;

– ■

- (d) ikabbar id-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni **u** tat-taħriġ **■**, b'mod partikolari *permezz tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u istituzzjonijiet ta' pajjiżi sħab fil-qasam tal-ETV u* l-edukazzjoni għolja, billi jżid l-attrazzjoni tal-istituzzjonijiet *Ewropej* tal-edukazzjoni għolja u jappoġġa l-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż l-oġettivi ta' żvilupp tagħha, permezz tal-promozzjoni tal-mobbiltà u l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja **tal-Unjoni** u tal-pajjiżi sħab u permezz ta' bini mmirat ta' kapaċitajiet fil-pajjiżi sħab;
- **■**
- (e) itejjeb l-istruzzjoni u t-tagħlim tal-lingwi u jippromwovi d-diversità lingwistika **kbira tal-Unjoni u l-għarfien interkulturali**;
- **■**
- (f) jippromwovi l-eċċellenza fl-attivitajiet tat-tagħlim u r-riċerka fl-integrazzjoni Ewropea permezz tal-attivitajiet Jean Monnet madwar id-dinja kif imsemmi fl-Artikolu 10.

– █

- 2. *Għall-iskopijiet tal-evalwazzjoni tal-Programm, indikaturi ewlenin li jistgħu jitkejlu u li huma rilevanti b'rabta mal-oġġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1 huma deskritti fl-Anness I.*

*Artikolu 6
Azzjonijiet tal-Programm*

1. Fil-qasam tal-edukazzjoni **u** t-taħriġ █, il-Programm se jsegwi l-oġġettivi tiegħu permezz tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi;
 - (b) il-kooperazzjoni għall-innovazzjoni u ***l-iskambju ta'*** prattiki tajbin; u
 - (c) appoġġ għar-riforma tal-politika.
2. L-attivitajiet speċifiċi ta' Jean Monnet huma deskritti fl-Artikolu 10.

Artikolu 7
Mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi

1. ■ Il-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi għandha tappoġġa ***l-attivitajiet li ġejjin fil-pajjiżi fil-Programm kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)***:
- (a) ***il-mobbiltà*** tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja ***fiċ-ċikli kollha*** u ***ta' studenti, apprendisti u skulari*** fit-taħriġ ***u l-edukazzjoni*** vokazzjonali ■ . Din il-mobbiltà tista' tkun fl-għamla ta' studji f'istituzzjoni sieħba ***jew*** apprendistati ***jew kisba ta' esperjenza bħala apprendist, assistent jew trainee*** barra mill-pajjiż ■ . Il-mobbiltà ta' lawrja fil-livell ta' Masters ***tista'*** tkun appoġġata permezz tal-***Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti*** kif imsemmi ***fl-Artikolu 20***;
- (b) il-mobbiltà tal-persunal, fil-pajjiżi fil-Programm kif imsemmija fl-Artikolu 24(1). Din il-mobbiltà tista' tieħu l-forma ta' tagħlim ***jew assistentati***, jew ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' żvilupp professjonali barra l-pajjiż.

2. Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll il-mobbiltà **internazzjonali** ta' studenti ■ u ta' persunal lejn u minn pajjiżi sħab fir-rigward tal-edukazzjoni għolja li tinkludi mobbiltà organizzata abbażi ta' lawrji konġunti, doppji jew multipli ta' kwalità għolja jew ta' sejħiet konġunti ■ .

Artikolu 8

Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' Prattiki tajbin

1. ■ Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u **l-iskambju ta'** Prattiki tajbin għandhom jappoġġaw:
- (a) sħubiji strateġiċi ■ bejn organizzazzjonijiet **u/jew istituzzjonijiet** involuti fl-edukazzjoni **u** fit-taħriġ ■ jew fsetturi rilevanti oħra, **immirati biex** jiżviluppaw u jimplimentaw inizjattivi konġunti u jippromwovu **tagħlim bejn il-pari u ta'** skambji ta' esperjenza ■ ;
 - (b) sħubiji ■ bejn **id-dinja tax-xogħol** u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni **u tat-taħriġ** fl-għamla ta':

- – alleanzi tal-għarfien bejn, ***b'mod partikolari***, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u ***d-dinja tax-xogħol immirati biex*** jippromwovu l-kreattività, l-innovazzjoni, ***tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol*** u l-intraprenditorji billi joffru opportunitajiet rilevanti ta' tagħlim, li jinkludu l-iżvilupp ta' kurrikula ***u ta' approċċi pedagoġiċi*** ġodda;
 - – alleanzi tal-ħiliet settorali bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u ***d-dinja tax-xogħol immirati biex*** jippromwovu l-impjegabbiltà, ***jikkontribwixxu għall-ħolqien ta'*** kurrikula ġodda speċifiċi għas-settur ***jew transettorjali***, jiżviluppaw metodi innovattivi għat-tagħlim u t-taħriġ vokazzjonali u jpoġġu fil-prattika l-għodod ta' ***trasparenza u ta'*** rikonoxximent tal-Unjoni ■ ;
- (c) Pjattaformi ta' appoġġ tal-IT, ***li jkopru s-setturi tal-edukazzjoni ■ kollha***, li jinkludu ***b'mod partikolari*** ġemellaġġ elettroniku, jippermettu tagħlim minn pari, mobbiltà virtwali u skambji tal-aħjar prattiki u ftuħ tal-aċċess għall-parteciċipanti minn pajjiżi tal-viċinat.

2. Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll l-iżvilupp, il-bini ta' kapacià, l-integrazzjoni reġjonali, l-iskambji ta' għarfien u l-proċessi ta' modernizzazzjoni permezz ta' sħubiji **internazzjonali** bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ■ fl-Unjoni u f'pajjiżi sħab, b'mod partikolari, għal tagħlim minn pari u proġetti konġunti tal-edukazzjoni, **kif ukoll permezz tal-promozzjoni** tal-kooperazzjoni reġjonali **u Uffiċċji Nazzjonali tal-Informazzjoni**, b'mod partikolari mal-pajjiżi tal-viċinat.

Artikolu 9

Appoġġ għar-riforma tal-politika

1. L-appoġġ ■ għar-riforma tal-politika għandu jinkludi l-attivitajiet mibdija fil-livell tal-Unjoni marbuta ma':
- (a) ■ l-implimentazzjoni tal-aġenda politika tal-Unjoni dwar l-edukazzjoni **u** t-taħriġ **fil-kuntest tal-MMK** ■ , kif ukoll **tal-proċessi** ta' Bolonja u ta' Kopenhagen ■ ;

- (b) l-implimentazzjoni fil-pajjiżi fil-Programm tal-għodod tat-trasparenza ***u r-rikonoxximent*** tal-Unjoni, partikolarment fil-qafas waħdieni tal-Unjoni għat-trasparenza tal-kwalifiki u tal-kompetenzi (Europass), il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF), is-Sistema Ewropea tat-Trasferiment u l-Akkumulazzjoni tal-Krediti (ECTS), is-Sistema Ewropea tal-Krediti ***għall-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali*** (ECVET), ***il-Qafas Ewropew ta' Referenza tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET)***, ***ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (EQAR)*** u ***l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Għolja (ENQA)***, u d-dispożizzjonijiet ta' appoġġ għan-netwerks mal-Unjoni kollha ***u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) Ewropej attivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ***;
- (c) id-djalogu ta' politika mal-partijiet interessati Ewropej rilevanti fil-qasam tal-edukazzjoni ***u t-taħriġ*** ;
- (d) ■ in-NARIC, in-netwerks Eurydice ***u*** Euroguidance ■ , u ■ ċ-Ċentri Nazzjonali Europass ■ .

2. Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll djalogu politiku ma' pajjiżi sħab u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Artikolu 10
Attivitajiet Jean Monnet

L-attivitajiet Jean Monnet għandhom jimmiraw biex:

- (a) jippromwovu l-istruzzjoni u r-riċerka dwar l-integrazzjoni Ewropea dinjija fost akkademiċi speċjalizzati, dawk li qed jitgħallmu u ċittadini, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-Katedri Jean Monnet u attivitajiet oħra akkademiċi, kif ukoll billi jipprovdu għajnuna għal attivitajiet oħra ta' tiswir ta' għarfien f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja;
- (b) jappoġġaw l-attivitajiet ta' istituzzjonijiet jew assoċjazzjonijiet akkademiċi attivi fil-qasam tal-istudji Ewropej ta' integrazzjoni u jappoġġaw tikketta ta' Jean Monnet għall-eċċellenza;

- (c) jappoġġaw l-istituzzjonijiet li ġejjin, li jsegwu mira ta' interess Ewropew:
- (i) l-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze;
 - (ii) il-Kulleġġ tal-Ewropa (il-kampus ta' Bruges u dak ta' Natolin);
 - (iii) l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika (EIPA), Maastricht;**
 - (iv) l-Akkademja tad-Dritt Ewropew, Trier;**
 - (v) l-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp tal-Edukazzjoni għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali, Odense;**
 - (vi) iċ-Ċentru Internazzjonali għat-Taħriġ Ewropew (CIFE), Nizza;**
- (d) jippromwovu dibattitu dwar il-politiki u skambji bejn id-dinja akkademika u dawk li jfasslu l-politika dwar prioritajiet politiki tal-Unjoni.

KAPITOLU III

Żgħażaġħ

Artikolu 11

Objettivi speċifiċi

1. *F'konformità mal-objettiv ġenerali tal-Programm kif speċifikat fl-Artikolu 4, b'mod partikolari l-objettivi tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żghażaġh (2012-2018), il-Programm għandu jsegwi l-objettivi speċifiċi li ġejjin:*
 - (a) *itejjeb il-livell tal-kompetenzi u l-ħiliet ewlenin taż-żghażaġh, inkluż dawk li għandhom inqas opportunitajiet, kif ukoll jippromwovi l-partiċipazzjoni fil-ħajja demokratika fl-Ewropa u fis-suq tax-xogħol, iċ-ċittadinanza attiva, id-djalogu interkulturali, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-opportunitajiet ta' mobbiltà fit-tagħlim għaż-żghażaġh, dawk attivi fil-ħidma fil-qasam taż-żghażaġh jew f'organizzazzjonijiet taż-żghażaġh u mexxejja taż-żghażaġh, u permezz ta' rabtiet imsaħħa bejn il-qasam taż-żghażaġh u s-suq tax-xogħol;*

- (b) *irawwem it-titjib ta' kwalità fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, b'mod partikolari il-kooperazzjoni msaħħa bejn l-organizzazzjonijiet fil-qasam taż-żgħażaġh u/jew partijiet interessati oħra;*
- (c) *jikkomplimentaw riformi tal-politika f'livell lokali, reġjonali u nazzjonali, u jappoġġaw l-iżvilupp ta' politika taż-żgħażaġh imsejsa fuq l-għarfien u l-evidenza kif ukoll ir-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-politiki, użu aħjar tal-għodda tat-trasparenza u ta' rikonoxximent tal-Unjoni u d-disseminazzjoni tal-aħjar prattiki;*
- (d) *itejbu d-dimensjoni internazzjonali ta' attivitajiet fil-qasam taż-żgħażaġh u r-rwol tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh bħala strutturi ta' appoġġ għaż-żgħażaġh b'komplimentarjetà mal-azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-mobbiltà u kooperazzjoni bejn partijiet interessati tal-Unjoni u ta' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali, u permezz ta' ħidma immirata għall-bini tal-kapaċitajiet f'pajjiżi sħab.*

2. *Għall-iskopijiet tal-evalwazzjoni tal-Programm, indikaturi ewlenin li jistgħu jitkejlu u li huma rilevanti b'rabta mal-objettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1 huma deskritti fl-Anness I.*

Artikolu 12

Azzjonijiet tal-Programm

Il-Programm se jsegwi l-objettivi tiegħu permezz tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi;*
- (b) il-kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin;*
- (c) appoġġ għar-riforma tal-politika.*

Artikolu 13

Mobilità fit-tagħlim tal-individwi

1. Il-mobilità fit-tagħlim tal-individwi għandha tappoġġa:

- (a) il-mobilità taż-żgħażaġh fl-attivitajiet ta' tagħlim mhux formali u informali bejn il-pajjiżi fil-Programm; din il-mobilità tista' tiegħu l-għamla ta' skambji taż-żgħażaġh u volontarjat permezz tas-Servizz Volontarju Ewropew, kif ukoll attivitajiet innovattivi abbażi ta' dispożizzjonijiet eżistenti għall-mobilità;*
- (b) il-mobilità ta' persuni attivi fix-xogħol taż-żgħażaġh jew organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u mexxejja taż-żgħażaġh; din il-mobilità tista' tiegħu l-forma ta' taħriġ u attivitajiet ta' networking;*

2. *Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll il-mobbiltà taż-żgħażaġh, persuni attivi fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh jew organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u mexxejja taż-żgħażaġh, minn pajjiżi sħab jew lejhom, b'mod partikolari pajjiżi tal-viċinat.*

Artikolu 14

Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin

1. *Kooperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajbin għandhom jappoġġaw:*
- (a) *sħubiji strateġiċi immirati lejn l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi konġunti, inklużi inizjattivi għaż-żgħażaġh u proġetti dwar iċ-ċittadinanza li jippromwovu ċittadinanza attiva, innovazzjoni soċjali, parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u intraprenditorija, permezz ta' tagħlim bejn il-pari u skambji ta' esperjenzi;*
 - (b) *pjattaformi ta' appoġġ tal-IT li jippermettu t-tagħlim minn pari, ix-xogħol maż-żgħażaġh imsejjes fuq l-għarfien u l-iskambji tal-aħjar prattiki..*

2. *Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll l-iżvilupp, il-bini ta' kapaċità u l-iskambji ta' għarfien permezz ta' sħubiji bejn organizzazzjonijiet f'pajjiżi fil-Programm u pajjiżi oħra, b'mod partikolari permezz tat-tagħlim minn pari.*

Artikolu 15

Appoġġ għar-riforma tal-politika

1. *L-azzjoni ta' appoġġ għar-riforma tal-politika għandha tinkludi attivitajiet marbuta ma':*
- (a) l-implimentazzjoni tal-aġenda politika tal-Unjoni fil-qasam taż-żgħażaġh, bl-użu tal-MMK;*
 - (b) l-implimentazzjoni fil-pajjiżi fil-Programm tal-għodod ta' trasparenza u rikonoxximent tal-Unjoni, b'mod partikolari il-Youthpass, u l-appoġġ għan-networks kollha tal-Unjoni u NGOs Ewropej għaż-żgħażaġh;*
 - (c) djalogu ta' politika mal-partijiet interessati Ewropej rilevanti u djalogu strutturat maż-żgħażaġh;*

(d) *il-Forum Ewropew għaż-Żgħażaġħ, ċentri tar-riżorsi għall-iżvilupp tal-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh u n-network Eurodesk.*

2. *Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll djalogu politiku ma' pajjiżi sħab u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.*

KAPITOLU IV

Sport

Artikolu 16

Objettivi speċifiċi

1. F'konformità mal-objettiv ġenerali tal-Programm kif speċifikat fl-Artikolu 4, *u mal-pjan ta' ħidma tal-Unjoni għall-isport*, il-Programm għandu *jiffoka b'mod partikolari fuq l-isport b'parteċipazzjoni tal-massa u għandu* jsegwi l-objettivi speċifiċi li ġejjin ■ :

- (a) biex jindirizza t-theddid *transkonfinali għall-integrità tal-isport*, bħad-doping, ix-xiri tal-logħob *u* l-vjolenza, *kif ukoll kull tip ta' intolleranza u diskriminazzjoni*;
- █
- (b) biex *jippromwovi u* jappoġġa l-governanza tajba fl-isport u l-karrieri doppji tal-atleti;
- █
- (c) biex jippromwovi *attivitajiet volontarji fl-isport, flimkien mal-inklużjoni* soċjali, l-opportunitajiet indaqs u *sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-attività* fiżika li ttejjeb is-saħħa permezz ta' żieda fil-parteċipazzjoni fl-isport *u aċċess ugwali għall-isport, għal kulħadd*.
- █

2. *Għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-Programm, indikaturi ewlenin li jistgħu jitkejlu u li huma rilevanti b'rabta mal-oġġettivi speċifiċi msemmija fil-paragrafu 1 huma deskritti fl-Anness I.*

Artikolu 17
Attivitajiet

1. L-objettivi tal-kooperazzjoni ■ għandhom ikunu segwiti permezz tal-attivitajiet transnazzjonali li ġejjin, *li għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq l-isport b'parteċipazzjoni tal-massa*:
 - (a) appoġġ għal *sħubiji* kollaborattivi ;
 - (b) appoġġ għal avvenimenti Ewropej tal-isport *mingħajr skop ta' qligħ* li jinvolvu diversi pajjiżi *fil-Programm u jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 16(1)*;
 - (c) appoġġ *għat-tisħiħ* tal-bażi tal-evidenza għat-tfassil tal-politika;
■
 - (d) id-djalogu mal-partijiet interessati Ewropej rilevanti.
2. L-attivitajiet *imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu* jfittxu li jiksbu finanzjament supplimentari *minn* partijiet terzi, bħal intrapriżi privati.

KAPITOLU IV
Disposizzjonijiet finanzjarji

Artikolu 18

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm mill-1 ta' Jannar 2014, huwa stabbilit għal **EUR 14 774 524 000 fil-prezzijiet attwali**.

L-appropriazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali.
2. ***L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat għall-azzjonijiet tal-Programm kif ġej, b'marġni ta' flessibbiltà li ma jeċċedix il-5 % ta' kull wieheda mill-ammonti allokat:***

- (a) 77,5 % lill-edukazzjoni u t-taħriġ, li minnhom se jiġu assenjati l-allokazzjonijiet minimi li ġejjin:
- (i) 43 % lill-edukazzjoni għolja, li jirrappreżenta t-33,3 % tal-baġit totali;
 - (ii) 22 % lill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li jirrappreżenta s-17 % tal-baġit totali;
 - (iii) 15 % lill-edukazzjoni fl-iskejjel, li jirrappreżenta l-11,6 % tal-baġit totali;
 - (iv) 5 % lit-tagħlim lill-adulti, li jirrappreżenta t-3,9 % tal-baġit totali;
- (b) 10 % liż-żgħażaġh;
- (c) 3,5 % lill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti;
- (d) 1,9 % lil Jean Monnet ■ ;
- (e) 1,8 % lill-isport, li minnhom mhux iktar minn 10 % lill-attività msemmija taħt il-punt (b) tal-Artikolu 17(1);
- (f) 3,4 % bħala għotjiet operattivi lil aġenziji nazzjonali; u
- (g) 1,9 % biex ikopru n-nefqa amministrattiva.
3. Mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2, mill-inqas 63 % għandhom jiġu allokati għall-mobbiltà fit-tagħlim għal individwi, mill-inqas 28 % għall-kooperazzjoni għal innovazzjoni u l-iskambju tal-prattiki tajbin u 4,2 % għall-appoġġ għar-riforma tal-politika.

4. Addizzjonalment għall-pakkett finanzjarju kif indikat fil-paragrafu 1, u sabiex tiġi promossa d-dimensjoni internazzjonali tal-edukazzjoni għolja, ***finanzjament addizzjonali, kif provdut fl-istrumenti esterni differenti (l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), l-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI), u l-Istrument tas-Sħubija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (PI) u l-Istrument għall-Għajnuna Qabel l-Adeżjoni (IPA),*** għandu jiġi allokati għal azzjonijiet fir-rigward tal-mobbiltà fit-tagħlim lejn jew minn pajjiżi oħra, u għall-kooperazzjoni u d-djalogu politiku mal-awtoritajiet, istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet minn dawk il-pajjiżi. ■ Dan ir-Regolament se japplika għall-użu ta' dawk il-fondi, ***filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolamenti li jirregolaw rispettivament dawk l-istrumenti esterni, u, fil-każ tad-DCI, li jissodisfaw ukoll l-kriterji tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, kif stabbiliti mill-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi.***

Il-finanzjament għandu jsir disponibbli permezz ta' żewġ allokazżjonijiet pluriennali li jkopru biss l-ewwel erba' snin u t-tliet snin li jifdal rispettivament. ***L-allokazżjoni ta'*** dak il-finanzjament ***se tkun determinata*** fl-ipprogrammar indikattiv pluriennali tal-istrumenti esterni msemmija fl-ewwel subparagrafu, f'konformità mal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet identifikati tal-pajjiżi kkonċernati. ■ Kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab tista' tkun ibbażata, fejn hu rilevanti, fuq approprjazzjonijiet addizzjonali minn dawk sabiex tkun disponibbli skont il-proċeduri li jridu jiġu miftehma ma' dawk il-pajjiżi.

L-azzjoni ta' mobbiltà tal-istudenti u tal-persunal bejn il-pajjiżi fil-Programm u l-pajjiżi sħab, iffinanzjata permezz tal-allokazżjoni mid-DCI, għandha tiffoka fuq oqsma li huma rilevanti għall-iżvilupp inklussiv u sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

— ■

5. L-allokazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll spejjeż li huma ta' attivitajiet ta' preparazzjoni, ta' monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm u r-realizzazzjoni tal-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti u azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni kemm-il darba huma marbuta mal-oġġettiv ġenerali ta' dan ir-Regolament, l-ispejjeż marbuta mat-TI li jiffokaw fuq l-iskambju u l-ipproċessar ta' informazzjoni, u spejjeż oħra fuq għajjuna teknika u amministrattiva li l-Kummissjoni jista' jkollha rikors għalihom għall-ġestjoni tal-Programm.
6. L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll l-ispejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-transizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE. Jekk ikun meħtieġ, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2020 biex ikopru spejjeż simili, sabiex tiġi permessa l-ġestjoni tal-azzjonijiet ***u l-attivitajiet*** li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2020.

7. Il-fondi għall-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi msemija ***fil-punt (a) tal-Artikolu 6(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 12*** li jridu jiġu ġestiti minn aġenzija jew aġenziji nazzjonali ("aġenzija nazzjonali") għandhom ikunu allokat fuq il-bażi tal-popolazzjoni u l-għoli tal-ħajja fl-Istat Membru, id-distanza bejn il-kapitali tal-Istati Membri u l-prestazzjoni. Il-parametru tal-prestazzjoni għandu jammonta għal 25 % tal-fondi totali skont il-kriterji msemija fil-paragrafi 8 u 9. ***Fir-rigward tas-sħubiji strateġiċi msemija fil-punt (a) tal-Artikolu 8(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 14(1) li għandhom jintgħażlu u jiġu ġestiti minn aġenzija nazzjonali, il-fondi għandhom jiġu allokat abbażi ta' kriterji li għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 36(3). Dawk il-formuli għandhom, safejn huwa possibbli, ikunu newtrali fir-rigward tas-sistemi differenti ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Istati Membri, għandhom jevitaw tnaqqis sostanzjali fil-baġit annwali allokat lill-Istati Membri minn sena għall-oħra u għandhom jimminimizzaw żbilanċi eċċessivi fil-livell tal-għotjiet allokat.***
8. L-allokazzjoni ta' fondi abbażi tal-prestazzjoni għandha tapplika sabiex tippromwovi l-użu effiċjenti u effikaċi tar-riżorsi. Il-kriterji użati biex titkejjel il-prestazzjoni għandhom ikunu bbażat fuq l-aktar data reċenti ***u għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq:***

(a) il-livell ta' eżiti annwali li saru ■ ; u

(b) il-livell ta' ħlasijiet annwali li saru.

■

9. L-allokazzjoni tal-fondi għas-sena 2014 għandha tkun ibbażata fuq l-aktar data reċenti disponibbli *dwar l-azzjonijiet imwettqa* u l-livell tal-baġit użat taħt it-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni u l-programmi Erasmus Mundus implimentati *sa* u inkluż il-31 ta' Diċembru 2013.
10. Il-Programm jista' jipprovdi appoġġ permezz ta' modalitajiet innovattivi ta' finanzjament, b'mod partikolari dawk stabbiliti *fl-Artikolu 20*.

Artikolu 19
Modalitajiet speċifiċi ta' finanzjament

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament **(UE, Euratom) Nru 966/2012**.
2. Il-Kummissjoni tista' tniedi sejħiet konġunti ma' pajjiżi sħab jew l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji tagħhom biex jiffinanzjaw il-proġetti ***abbażi ta' fondi mqabbla***. Il-Proġetti jistgħu jiġu evalwati u magħżula permezz ta' proċeduri konġunti ta' evalwazzjoni u għażla li għandhom jiġu miftiehma mill-aġenziji ta' finanzjament involuti, f'konformità mal-prinċipji stipulati fir-Regolament **(UE, Euratom) Nru 966/2012**.

I

3. Il-korpi pubbliċi, kif ukoll l-iskejjel, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport li jkunu rċevew iktar minn 50 % tad-dħul annwali tagħhom minn sorsi pubbliċi fl-aħħar sentejn għandhom jitqiesu li għandhom il-kapaċità finanzjarja, professjonali u amministrattiva meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet skont il-Programm. Ma għandhomx għalfejn jippreżentaw aktar dokumentazzjoni biex juru dik il-kapaċità.
 4. ***B'deroga mill-Artikolu 130(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u f'każijiet debitament iġġustifikati, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-ispejjeż marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet appoġġati u mġarrba matul l-ewwel sitt xhur tal-2014 bħala eliġibbli għal finanzjament mill-1 ta' Jannar 2014, anki jekk il-benefiċjarju ma jkunx ġarrabhom qabel ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-għotja.***
- I**
5. L-ammont imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 137(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ma għandux japplika għall-appoġġ finanzjarju għall-mobbiltà fit-tagħlim mogħti lill-individwi.

Artikolu 20

Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti

- 1. Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti għandha tipprovdi garanziji parzjali lil intermedjarji finanzjarji fir-rigward ta' self, bl-aktar termini favorevoli possibbli, lil studenti li jkunu qed jipprovaw jiksbu lawrja tat-tieni ċiklu, bħal lawrja tal-Masters, f'istituzzjoni rikonoxxuta tal-edukazzjoni għolja f'pajjiż fil-Programm, msemija fl-Artikolu 24(1), li la mhu pajjiż ta' residenza tagħhom u lanqas ma hu il-pajjiż li fih ikunu kisbu l-kwalifiki li jagħtuhom aċċess għall-programm ta' Masters.*
- 2. Il-garanziji maħruġin permezz tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti għandhom ikopru self tal-istudenti ġdid eliġibbli sa ammont massimu ta' EUR 12 000 għal programm fuq sena u sa massimu ta' EUR 18 000 għal programm ta' massimu sentejn, jew ammont ekwivalenti fil-munita lokali.*

3. *Il-ġestjoni tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti fil-livell tal-Unjoni għandha titħalla f'idejn il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 abbażi ta' ftehim ta' delega mal-Kummissjoni, li jistabbilixxi r-regoli u r-rekwiżiti dettaljati li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti u l-obbligi rispettivi tal-partijiet. Abbażi ta' dan kollu, il-FEI għandha tikkonkludi ftehimiet ma' intermedjarji finanzjarji, bħal banek, istituzzjonijiet nazzjoni u/jew reġjonali ta' self lill-istudenti jew istituzzjonijiet finanzjarji rikonoxxuti oħra, u għandha tipprowa tagħżel intermedjarju finanzjarju minn kull wieħed mill-pajjiżi fil-Programm, sabiex jiġi żgurat li l-istudenti mill-pajjiżi fil-Programm kollha jkollhom aċċess għall-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti b'mod konsistenti u non-diskriminatorju.*
4. *L-informazzjoni teknika dwar kif taħdem il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti hija mogħtija fl-Anness II.*

KAPITOLU V
Prestazzjoni, riżultati u disseminazzjoni

Artikolu 21

Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni u tar-riżultati

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha timmonitorja u ***tirrapporta*** b'mod regolari dwar il-prestazzjoni u r-riżultati tal-Programm kif imkejjel skont l-oġġettivi tiegħu, b'attenzjoni partikolari għal:
 - (a) il-valur miżjud Ewropew kif imsemmi fl-Artikolu 3;
 - (b) id-distribuzzjoni tal-fondi assoċjati mas-setturi ***tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh, bil-għan li tiġi żgurata***, sa tmiem il-Programm, allokazżjoni ta' fondi li tiggarantixxi impatt sistematiku ***sostenibbli***;
 - (c) ***l-użu tal-fondi derivati minn strumenti esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 18(4) u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-oġġettivi rispettivi u l-prinċipji ta' dawk l-istrumenti.***

2. Minbarra li twettaq l-monitoraġġ kontinwu, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport ta' evalwazzjoni ***ta' nofs it-terminu*** sal-31 ta' Diċembru 2017 sabiex tevalwa l-effettività tal-miżuri meħuda biex jinkisbu l-għanijiet tal-Programm u biex tevalwa l-effiċjenza tal-Programm u l-valur miżjud Ewropew tiegħu, ***akkumpanjat, jekk xieraq, ma' proposta leġislattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament***. Ir-rapport ta' evalwazzjoni I r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandu jindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni tal-Programm, il-koerenza interna u esterna, ir-relevanza ssuktata tal-oġettivi kollha tiegħu, kif ukoll il-kontribuzzjoni magħmula mill-miżuri meħuda għat-twettiq tal-istrateġija Ewropa 2020. Hija għandha tqis ukoll ir-riżultati tal-evalwazzjoni dwar l-impatt fit-tul tal-programmi ta' qabel (Tagħlim Tul il-Ħajja, Żgħażaġħ fl-Azzjoni, Erasmus Mundus u programmi internazzjonali oħra tal-edukazzjoni għolja).
3. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu msemmi fil-paragrafu 2 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.***

4. Bla ħsara għar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitlu VII u l-obbligi tal-aġenziji nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 28, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, ***sat-30 ta' Ġunju 2017, rapport*** dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Programm fit-territorji rispettivi tagħhom.
5. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni finali tal-Programm lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni sat-30 ta' Ġunju 2022.***

Artikolu 22

Komunikazzjoni u disseminazzjoni

1. Il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri għandha tiżgura d-disseminazzjoni ta' informazzjoni, pubbliċità u segwitu fir-rigward tal-azzjonijiet ***u l-attivitajiet kollha*** appoġġati skont il-Programm, kif ukoll id-disseminazzjoni tar-riżultati tal-programmi preċedenti Tagħlim Tul il-Ħajja, Żgħażaġħ fl-Azzjoni u Erasmus Mundus.

2. Il-benefiċjarji tal-proġetti appoġġati permezz ta' azzjonijiet u attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 6, 10, **12**, 17, **u 20** għandhom jiżguraw li r-riżultati u l-evalwazzjoni tal-impatti miksuba jiġu komunikati u disseminati b' mod xieraq. ***Dan jista' jinkludi l-forniment ta' informazzjoni bejn il-pari dwar opportunitajiet ta' mobbiltà;***
3. L-aġenziji nazzjonali, kif imsemmija fl-Artikolu 28, għandhom jiżviluppaw politika konsistenti ***fir-rigward tad-disseminazzjoni*** u l-isfruttament effikaċi tar-riżultati ta' attivitajiet appoġġati skont l-azzjonijiet li jiġġestixxu fil-Programm, għandhom jassistu l-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali ta' disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar il-Programm, ***inklużi informazzjoni dwar azzjonijiet u attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni***, u r-riżultati tiegħu, ***u għandhom jinfurmaw il-gruppi mira rilevanti dwar l-azzjonijiet imwettqa fil-pajjiżi tagħhom.***
4. Il-korpi pubbliċi u privati fis-setturi koperti mill-Programm għandhom jużaw il-marka kummerċjali ***"Erasmus+"*** għall-finijiet ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni ta' informazzjoni marbuta mal-programm. ***Għas-setturi differenti tal-Programm, għandhom jintużaw l-ismijiet tal-marki li ġejjin:***

- – *"Comenius", assoċjata mal-edukazzjoni fl-iskejjel;*
- – *"Erasmus", assoċjata ma' kull tip ta' edukazzjoni għolja **fil-pajjiżi fil-Programm;***
- – *"Erasmus Mundus", assoċjata ma' kull tip ta' attivitajiet ta' edukazzjoni għolja bejn il-pajjiżi fil-Programm u l-pajjiżi sħab;*
- – *"Leonardo da Vinci", assoċjata mal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ;*
- **;**
- – *"Grundtvig", assoċjata mat-tagħlim tal-adulti;*
- – **"Żgħażaġħ fl-Azzjoni", assoċjata mat-tagħlim mhux formali u informali fil-qasam taż-żgħażaġh;**
- – *"Sports", assoċjata ma' attivitajiet fil-qasam tal-isport.*

5. Attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni bejn il-korpi dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawn huma relatati mal-oġettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU VII

Aċċess għall-Programm

Artikolu 23

Aċċess

1. Kwalunkwe korp pubbliku *jew* privat attiv fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport tal-massa jista' japplika għall-finanzjament taħt dan il-Programm. ***Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 13(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 14(1), il-Programm għandu wkoll jappoġġa l-parteċipazzjoni ta' gruppi ta' żgħażaġh li huma attivi fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh, iżda mhux neċessarjament fil-kuntest ta' organizzazzjoni taż-żgħażaġh.***

2. Meta jimplimentaw il-Programm, *inter alia fir-rigward tal-għażla tal-parteċipanti u l-għoti ta' boroż ta' studji*, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw sforzi partikolari *għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni ta' nies bi bżonnijiet speċjali jew anqas opportunitajiet*.

Artikolu 24

Parteċipazzjoni tal-pajjiż

1. Il-Programm għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li ġejjin ("il-pajjiżi fil-Programm"):
- (a) l-Istati Membri;
 - (b) il-pajjiżi tal-adeżjoni, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skont il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-Programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet ta' qafas rispettivi, id-deċiżjonijiet ta' Assoċjazzjoni tal-Kunsill jew ftehimiet simili;

- (c) dawk il-pajjiżi EFTA li huma parti mill-Ftehim ŻEE, skont id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim;
 - (d) il-Konfederazzjoni Svizzera, ***abbażi ta' ftehim bilaterali li għandu jiġi konkluż ma' dak il-pajjiż;***
 - (e) ***dawk il-pajjiżi koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat li kkonkludew ftehimiet mal-Unjoni li jipprevedu l-possibbiltà li jipparteċipaw fil-programmi tal-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim bilaterali mal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-parteeċipazzjoni tagħhom fil-Programm.***
2. Il-pajjiżi fil-Programm ■ għandhom ikunu soġġetti għall-obbligi kollha u għandhom jissodisfaw il-kompiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-Istati Membri.
 3. Il-Programm għandu jappoġġa l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab, b' mod partikolari pajjiżi tal-viċinat, f'azzjonijiet u attivitajiet kif imsemmija ***fl-Artikoli 6, 10 u 12.***

KAPITOLU VII
Sistema ta' ġestjoni u verifika

Artikolu 25
Komplementarjetà

Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura l-konsistenza globali u l-komplementarjetà tal-programm mal-:

- (a) politikai ***u l-programmi*** rilevanti, b'mod partikolari dawk ***b'rabta*** mal-kultura u l-midja, l-impjiegi, ***ir-riċerka*** u l-innovazzjoni, ***l-industrija u l-intrapriżi***, ***il-politika ta' koeżjoni u tal-iżvilupp, kif ukoll politika u inizzjattivi dwar it-tkabbir, strumenti u strateġiji fil-qasam tal-politika reġjonali u r-relazzjonijiet esterni***;
- (b) sorsi l-oħra rilevanti ta' finanzjament tal-Unjoni għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġħ ***u l-isport***, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew u l-istrumenti finanzjarji l-oħra marbuta mal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-"Orizzont 2020" - il-Programmi Qafas għal Riċerka u Innovazzjoni, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji relatati mal-ġustizzja u ċ-ċittadinanza, is-saħħa, il-programmi ta' kooperazzjoni esterna u l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni.

Artikolu 26
Korpi ta' implimentazzjoni

Il-Programm għandu jiġi implimentat ***b'mod konsistenti*** mill-korpi li ġejjin:

- (a) il-Kummissjoni fil-livell tal-Unjoni;
- (b) l-aġenziji nazzjonali fil-livell nazzjonali ■ fil-pajjiżi fil-Programm ■ .

Artikolu 27
Awtorità nazzjonali

1. ***It-terminu "awtorità nazzjonali" jirriferi għal awtorità nazzjonali waħda jew iktar f'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali.***

2. Sa ...*, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni peremzz ta' notifika formali mir-Rappreżentant Permanenti tal-persuna/i awtorizzata/i legalment biex taġixxi/jaġixxu f'isimhom bħala l-"awtorità nazzjonali" għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Fil-każ ta' sostituzzjoni tal-awtorità nazzjonali matul l-iżvolġiment tal-Programm, l-Istat Membru rilevanti għandu immedjatement jinnotifika lill-Kummissjoni, f'konformità mal-istess proċedura.
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għat-tħaddim tajjeb tal-Programm, inkluż, ***fejn dan ikun possibbli, miżuri maħsuba biex jirriżolvu kwestjonijiet li jikkawżaw diffikultajiet fil-ksib*** tal-viżi.

* Nota lill-ĠU: daħħal id-data li taħbat xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.



4. Sa ...^{*}, l-awtorità nazzjonali għandha taħtar **l** aġenzija nazzjonali *jew aġenziji nazzjonali*. *F'każijiet fejn ikun hemm aktar minn aġenzija nazzjonali waħda, l-Istati Membri għandhom jiżguraw mekkaniżmu adegwat għall-ġestjoni kkoordinata tal-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiżguraw implimentazzjoni koerenti u kosteffiċjenti tal-Programm u kuntatt effikaċi mal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u biex jiffaċilitaw it-trasferiment possibbli tal-fondi bejn l-aġenziji, biex b'hekk jippermettu l-flessibbiltà u użu aħjar tal-fondi allokat lill-Istati Membri. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 29(3), kull Stat Membru għandu jiddetermina kif jorganizza r-relazzjoni bejn l-awtorità nazzjonali u l-aġenzija nazzjonali, inkluż kompiti bħall-istabbiliment tal-programm ta' ħidma annwali tal-aġenzija nazzjonali.*

^{*} Nota lill-ĠU: daħħal id-data li taħbat tliet xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'evalwazzjoni tal-konformità ex-ante li l-aġenzija nazzjonali tikkonforma mal-punti (c)(v) u (vi) tal-Artikolu 58(1) u l-Artikolu 60(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, u l-Artikolu 38 tar-Regolament tal-Kummissjoni Delegat (UE) Nru 1268/2012¹, kif ukoll mar-rekwiżiti tal-Unjoni għall-istandards tal-kontroll intern għall-aġenziji nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi tal-Programm għall-appoġġ f'għamla ta' għotjiet.

5. L-awtorità nazzjonali għandha taħtar korp indipendenti ta' verifika kif imsemmi fl-Artikolu 30.

I

¹ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

6. L-awtorità nazzjonali għandha tibbaża l-evalwazzjoni tal-konformità ex ante tagħha fuq il-kontrolli u l-verifiki tagħha stess, u/jew fuq il-kontrolli u l-verifiki li saru mill-korp indipendenti tal-verifika msemmi fl-Artikolu 30.
7. Fejn l-aġenzija nazzjonali maħtura għall-Programm tkun l-istess bħall-aġenzija nazzjonali maħtura għall-programmi preċedenti Tagħlim Tul il-Ħajja jew Żgħażaġħ fl-Azzjoni, l-ambitu tal-kontrolli u l-verifiki għall-evalwazzjoni tal-konformità ex ante jista' jkun limitat għar-rekwiżiti li jkunu ġodda u speċifiċi għall-Programm.
8. ***L-awtorità nazzjonali għandha timmonitorja u twettaq superviżjoni tal-ġestjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali. Għandha tinforma u tikkonsulta lill-Kummissjoni mingħajr dewmien qabel ma tiegħu kull deċiżjoni li jista' jkollha impatt sinifikattiv fuq il-ġestjoni tal-Programm, partikolarment dwar l-aġenzija nazzjonali tagħha.***

9. ***L-awtorità nazzjonali għandha tipprovdi kofinanzjament adegwat għall-operazzjonijiet tal-aġenzija nazzjonali biex tiżgura li l-Programm ikun ġestit f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.***
10. Fil-każ li l-Kummissjoni tirrifjuta l-ħatra tal-aġenzija nazzjonali fuq il-bażi tal-evalwazzjoni tal-konformità ex ante tagħha, l-awtorità nazzjonali għandha tiżgura li l-passi meħtieġa ta' rimedju jittieħdu **■** biex ***l-aġenzija nazzjonali tkun tista' tikkonforma*** mar-rekwiżiti minimi stipulati mill-Kummissjoni, jew għandha tinnomina korp ieħor bħala aġenzija nazzjonali.

■

11. Fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali, l-opinjoni tal-verifika indipendenti u l-analiżi tal-Kummissjoni tal-konformità u l-prestazzjoni tal-aġenzija nazzjonali, l-awtorità nazzjonali għandha ttipprovdi lill-Kummissjoni, sat-31 ta' Ottubru ta' kull sena, b' informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u superviżjoni fir-rigward tal-Programm.
12. L-awtorità nazzjonali għandha tieħu responsabbiltà tal-ġestjoni tajba tal-fondi tal-Unjoni ttrasferiti mill-Kummissjoni lill-aġenzija nazzjonali permezz ta' appoġġ fil-forma ta' għotja li jingħataw skont il-Programm.
13. F'każ ta' xi irregolarità, negliġenza jew frodi li jkunu imputabbli lill-aġenzija nazzjonali, jew kwalunkwe nuqqasijiet serji jew prestazzjoni insuffiċjenti tal-aġenzija nazzjonali, u fejn dan iwassal għal pretensjonijiet mill-Kummissjoni kontra l-aġenzija nazzjonali, l-awtorità nazzjonali għandha tkun suġġetta li tħallas lura lill-Kummissjoni ill-fondi mhux irkuprati.

14. Fiċ-ċirkustanzi msemmija fil-paragrafu 12, l-awtorità nazzjonali tista' tirrevoka l-aġenzija nazzjonali bl-inizjattiva tagħha jew wara talba mill-Kummissjoni tirrevoka l-mandat tal-awtorità nazzjonali. F'każ li l-awtorità nazzjonali tixtieq tirrevoka dak il-mandat għal kwalunkwe raġuniohra ġġustifikata, din għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bir-revoka minn tal-inqas sitt xhur qabel id-data maħsuba għal tmiem il-mandat tal-aġenzija nazzjonali. F'dan il-każ, l-awtorità nazzjonali u l-Kummissjoni għandhom formalment jaqblu dwar miżuri tranżitorji speċifiċi u fil-ħin.
15. Fil-każ ta' revoka, l-awtorità nazzjonali għandha twettaq l-kontrolli meħtieġa dwar il-fondi tal-Unjoni fdati lill-aġenzija nazzjonali li l-mandat tagħha ġie rrevokat u għandha tiżgura trasferiment bla tfixkil ta' dawk il-fondi u tad-dokumenti u tal-għodod ta' ġestjoni kollha meħtieġa għall-ġestjoni tal-Programm lill-aġenzija nazzjonali l-ġdida. L-awtorità nazzjonali għandha ttipprovdi lill-aġenzija nazzjonali li l-mandat tagħha ġie rrevokat bl-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex tkompli timplimenta l-obbligi kuntrattwali fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u l-Kummissjoni sakemm isir trasferiment ta' dawk l-obbligi lill-aġenzija nazzjonali ġdida.

16. *Jekk il-Kummissjoni titlob dan, l-awtorità nazzjonali għandha tinnomina l-istituzzjonijiet jew l-organizzazzjonijiet, jew it-tipi ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet, li għandhom jiġu kkunsidrati eliġibbli biex jipparteċipaw f'azzjonijiet speċifiċi tal-Programm fit-territorji rispettivi tagħhom.*

Artikolu 28
Aġenzija nazzjonali

1. *It-terminu "aġenzija nazzjonali" jirreferi għal aġenzija nazzjonali waħda jew iktar f'konformità mal-liġi u l-prassi nazzjonali.*
2. L-aġenzija nazzjonali għandha:
 - (a) jkollha personalità ġuridika jew tkun parti minn entità li jkollha personalità ġuridika, u tkun regolata mil-liġi tal-Istat Membru kkonċernat; ministeru jista' ma jintgħażilx bħala aġenzija nazzjonali;

- (b) ikollha kapaċità ta' ġestjoni, persunal u infrastrutturi adegwati biex jissodisfaw il-kompiti tagħha b'mod sodisfaċenti, jiżguraw ġestjoni effiċjenti u effettiva tal-Programm u ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-Unjoni;
- (c) ikollha l-mezzi operattivi u legali biex tapplika r-regoli ta' ġestjoni amministrattiva, kuntrattwali u finanzjarji stabbiliti fuq livell ta' Unjoni;
- (d) toffri garanziji finanzjarji xierqa, preferibbilment maħruġa minn awtorità pubblika, korrispondenti għal-livell ta' fondi tal-Unjoni li hija se tkun imsejħa li tamministra;
- (e) tkun innominata għat-tul tal-Programm.

3. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli **mill-ġestjoni tal-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett** tal-azzjonijiet tal-Programm **li ġejjin**, f'konformità **mal-punti (c)(v) u (vi) tal-Artikolu 58(1)** tar-Regolament **(UE, Euratom) Nru 966/2012** u **mal-Artikolu 44** tar-Regolament Delegat **(UE) Nru 1268/2012** :
- (a) mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi, bl-eċċezzjoni tal-mobbiltà organizzata fuq il-bażi ta' lawrji kongunit jew doppji/multipli, **proġetti ta' volontarjat fuq skala kbira u l-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti**;
 - (b) sħubiji strateġiċi fl-azzjoni "kooperazzjoni għall-innovazzjoni u **l-iskambju** tal-prassi tajba";
 - (c) il-ġestjoni ta' attivitajiet **fuq skala żgħira li jappoġġaw id-djalogu strutturat fil-qasam taż-żgħażaġh** fl-azzjoni "appoġġ **għar-riforma tal-politika**".

4. *B'deroga mill-paragrafu 3, id-deċiżjonijiet tal-għażla u l-għoti għas-sħubiji strateġiċi msemija fil-punt (b) tal-paragrafu 3 jistgħu jiġu ġestiti fil-livell tal-Unjoni, jekk tittieħed deċiżjoni f' dan is-sens f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 36(3) u f'każijiet speċifiċi biss fejn ikun hemm raġunijiet ċari għal tali ċentralizzazzjoni.*
5. L-aġenzija nazzjonali għandha toħroġ appoġġ ta' għotja lil benefiċjarji permezz ta' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja, kif speċifikat mill-Kummissjoni għall-azzjoni kkonċernata tal-Programm.
6. L-aġenzija nazzjonali għandha tirrapporta kull sena lill-Kummissjoni u lill-awtorità nazzjonali fuq bażi annwali skont **l-Artikolu 60(5)** tar-Regolament **(UE, Euratom) Nru 966/2012**. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun inkarigata mill-implimentazzjoni tal-osservazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni wara l-analiżi tagħha tad-dikjarazzjoni tal-ġestjoni **annwali** , u tal-opinjoni tal-verifika indipendenti dwarha.

7. L-aġenzija nazzjonali ma għandhiex mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-awtorità nazzjonali u mill-Kummissjoni tiddelega lill-partijiet terzi kull komputu tal-Programm jew tingħata lilha l-implimentazzjoni tal-baġit. L-aġenzija nazzjonali għandha żżomm ir-responsabbiltà unika għal kwalunkwe-kompiti delegati lil parti terza.
8. Fejn il-mandat ta' aġenzija nazzjonali jiġi revokat, dik l-aġenzija nazzjonali għandha tibqa' legalment responsabbli li tissoddisfa l-obbligi kuntrattwali tagħha fil-konfront tal-benefiċjarji tal-Programm u tal-Kummissjoni sakemm isir it-trasferiment ta' dawk l-obbligi lill-aġenzija nazzjonali l-ġdida
9. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun inkarigata mill-ġestjoni u l-likwidazzjoni tal-ftehimiet finanzjarji relatati mal-programmi preċedenti ta' Tagħlim tul il-Ħajja u Żgħażaġħ fl-Azzjoni li jkunu għadhom miftuħa fil-bidu tal-Programm.

Artikolu 29
Il-Kummissjoni Ewropea

1. Fi żmien xahrejn mir-riċezzjoni mingħand l-awtorità nazzjonali tal-evalwazzjoni tal-konformità ex ante kif imsemmi fl-Artikolu 27(4), il-Kummissjoni għandha taċċetta, kundizzjonalment taċċetta jew tirrifjuta l-ħatra tal-aġenzija nazzjonali. Il-Kummissjoni ma għandhiex tidħol f'relazzjoni kuntrattwali mal-aġenzija nazzjonali sakemm taċċettata l-evalwazzjoni tal-konformità ex ante. Fil-każ ta' aċċettazzjoni b'mod kundizzjonali, il-Kummissjoni tista' tapplika miżuri proporzjonati ta' prekawzjoni għar-relazzjoni kuntrattwali tagħha mal-aġenzija nazzjonali.
2. Ladarba tkun aċċettat l-evalwazzjoni tal-konformità ex ante dwar l-aġenzija nazzjonali maħtura għall-Programm, il-Kummissjoni għandha tifformalizza r-responsabbiltajiet legali fir-rigward ta' ftehimiet finanzjarji marbuta mal-programmi preċedenti Tagħlim Tul il-Ħajja u Żgħażaġħ fl-Azzjoni li jkunu għadhom miftuħa fil-bidu tal-Programm.

3. ***F'konformità mal-Artikolu 27(4)***, id-dokument li jirregola r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija nazzjonali għandu:
- (a) jistipula l-isandards interni ta' kontroll għal aġenziji nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni għall-appoġġ ta' għotja mill-aġenziji nazzjonali;
 - (b) jinkludi l-programm ta' ħidma tal-aġenzija nazzjonali li jinkludi l-kompiti ta' ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali li għalihom huwa pprovdut l-appoġġ tal-Unjoni;
 - (c) jipeçifika r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-aġenzija nazzjonali.
4. Il-Kummissjoni għandha kull sena tagħmel il-fondi tal-Programm li ġejjin disponibbli għall-aġenziji nazzjonali:
- (a) fondi għall-appoġġ ta' għotja fl-Istat Membru konċernat għall-azzjonijiet tal-Programm li l-ġestjoni tagħhom hija fdata lill-aġenzija nazzjonali;

(b) kontribuzzjoni finanzjarja b'appoġġ għall-kompiti ta' ġestjoni tal-Programm tal-aġenzija nazzjonali. Din għandha tiġi pprovduta fil-forma ta' kontribuzzjoni ta' rata fissa għall-ispejjeż operattivi tal-aġenzija nazzjonali u għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-ammont ta' fondi tal-Unjoni għall-appoġġ ta' għotja fdati lill-aġenzija nazzjonali.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-programm ta' ħidma tal-aġenzija nazzjonali. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħmel il-fondi tal-Programm disponibbli lill-aġenzija nazzjonali qabel il-Kummissjoni ma tkunx approvat formalment il-programm ta' ħidma tal-aġenzija nazzjonali.
6. Fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta' konformità għall-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 27(4), il-Kummissjoni għandha tirrevedi *s-sistemi* nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll, partikolarment abbażi tal-evalwazzjoni tal-konformità ex ante pprovduta mill-awtorità nazzjonali, tad-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali u tal-opinjoni dwarha tal-korp indipendenti ta' verifika, b'kont meħud tal-informazzjoni annwali pprovduta mill-awtorità nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ u superviżjoni tagħha rigward il-Programm.

7. Wara l-evalwazzjoni tagħha tad-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni u tal-opinjoni dwarha tal-korp indipendenti ta' verifika, il-Kummissjoni għandha tindirizza l-opinjoni u l-osservazzjonijiet tagħha lill-aġenzija nazzjonali u lill-awtorità nazzjonali.
8. Fil-każ li l-Kummissjoni ma tistax taċċetta d-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali jew l-opinjoni tal-verifika indipendenti dwarha, jew fil-każ ta' implimentazzjoni mhux sodisfaċenti mill-awtorità nazzjonali tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' timplimenta kull miżura prekawzjonarja jew korrettiva meħtieġa biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont ***l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012***.
9. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat regolari man-netwerk ta' aġenziji nazzjonali sabiex tiżgura implimentazzjoni koerenti tal-Programm bejn il-pajjiżi kollha fil-Programm.

Artikolu 30
Korp tal-verifika indipendenti

1. Il-korp tal-verifika indipendenti għandu jgħid opinjoni tal-verifika dwar id-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni msemmija fl-Artikolu 60(5) **tar-Regolament (UE, Euratom) No 966/2012**.
2. Il-korp indipendenti tal-verifika għandu:
 - (a) ikollu l-kompetenza professjonali meħtieġa biex jagħmel verifiki tas-settur pubbliku;
 - (b) jiżgura li l-verifiki tiegħu jgħid kont tal-istandards tal-verifika aċċettati fil-livell internazzjonali;
 - (c) ma jkunx f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interessi fir-rigward tal-entità legali li l-aġenzija nazzjonali tagħmel parti minnha. B' mod partikolari, għandu ikun indipendenti fir-rigward tal-funzjonijiet tiegħu, mill-entità legali li l-aġenzija nazzjonali tagħmel parti minnha .

3. Il-korp indipendenti ta' verifika għandu jagħti lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tagħha kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri b'aċċess sħiħ għad-dokumenti u r-rapporti kollha b'appoġġ tal-opinjoni ta' verifika li joħroġ dwar id-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali.

KAPITOLU IX

Sistema ta' kontroll

Artikolu 31

Prinċipji tas-sistema tal-kontroll

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa li jiżguraw li, meta jkunu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u huma mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa mhux kif dovut u, fejn hu xieraq, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissuasivi.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-kontrolli ta' superviżjoni fir-rigward tal-azzjonijiet u tal-attivitajiet tal-Programm immexxija mill-aġenziji nazzjonali. Għandha tistipula r-rekwiżiti minimi għall-kontrolli mill-aġenzija nazzjonali u l-korp indipendenti ta' verifika.
3. L-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet u għall-attivitajiet tal-Programm kif imsemmi fl-Artikolu 28(3). Dawn il-kontrolli għandhom jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif kien intenzjonat u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.
4. Fir-rigward tal-fondi tal-Programm trasferiti lill-aġenziji nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tiżgura koordinazzjoni xierqa tal-kontrolli tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' verifika waħda u wara li ssir analiżi bbażata fuq ir-riskju. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

Artikolu 32
Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni ■

1. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri huma b'dan mogħtija s-setgħa li jagħmlu tverifiki, fuq il-bażi ta' dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji kollha tal-ġhotja, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u partijiet terzi oħra li rċevew fondi tal-Unjoni. Huma jistgħu jagħmlu wkoll verifiki u kontrolli fir-rigward tal-aġenziji nazzjonali.
2. L-OLAF jista' jagħmel verifiki u ispezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96¹, bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ■ b'rabta ma' ftehim għall-ġhoti jew ma' deċiżjoni għall-ġhoti jew kuntratt dwar finanzjament mill-Unjoni.

¹ Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 dwar il-verifiki fuq il-post u spezzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u irregolaritajiet oħrajn (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

3. Bla ħsara għall-paragrafi 1 u 2, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u ftehimiet tal-għotja, deċiżjonijiet tal-għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom espressament jintitolaw lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex jagħmlu dawn il-verifiki, u jagħmlu kontrolli fil-post u ispezzjonijiet.

KAPITOLU X

Delega ta' setgħat u dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni

Artikolu 33

Delega ta' setgħat lill-Kummissjoni

Sabiex il-ġestjoni tal-kompiti titqiegħed fl-aktar livell adatt, il-Kummissjoni hija b'dan mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 34 dwar l-emendar tal-Artikolu 28(3), ***iżda biss biex jiġu previsti*** azzjonijiet ***addizzjonali li għandhom jiġu*** ġestiti mill-aġenziji nazzjonali.

Artikolu 34
Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija b'dan mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. ■ Is-setgħa ***tal-adozzjoni ta' atti delegati*** msemija fl-Artikolu 33 hija b'dan mogħtija lill-Kummissjoni ■ ***għad-dewmien*** tal-Programm.
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 33 tista' tiġi rrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kull att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 33 għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn minn notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn bl-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 35
Implimentazzjoni tal-Programm

Sabiex timplimenta l-Programm, il-Kummissjoni għandha tadotta f'għamla ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 36(3). Kull programm ta' ħidma annwali għandu ***jiżgura li*** l-oġettivi ***ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 11 u 16 jiġu implimentati annwalment b'mod konsistenti u għandu jagħti deskrizzjoni tar-risultati*** mistennija, il-metodu tal-implimentazzjoni u l-ammont totali tagħhom. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom ukoll jinkludu deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni, u tad-distribuzzjoni tal-fondi bejn l-Istati Membri għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti mill-aġenziji nazzjonali, u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni. Huma għandhom jinkludu fil-każ ta' għotjiet, ***ir-rata massima ta' kofinanzjament, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi tal-gruppi mira, b' mod partikolari l-kapaċità ta' kofinanzjament tagħhom u l-possibilitajiet li jattiraw finanzjament minn partijiet terzi. B'mod partikolari, għal azzjonijiet li jimmiraw organizzazzjonijiet b'kapaċitajiet finanzjarji limitati, ir-rata ta' kofinanzjament għandha tiġi stabbilita għal mill-inqas 50 %.***

Artikolu 36
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. ***Il-kumitat jista' jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet speċifiċi biex jiġtratta kwistjonijiet settorjali. Fejn ikun xieraq, u f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu u fuq bażi ad hoc, esperti esterni, inklużi rappreżentanti tas-sħab soċjali, jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat bħala osservaturi.***
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU XI
Dispożizzjonijiet Finali

Artikolu 37
Tħassir u dispożizzjonijiet transizzjonali

1. Id-Deċizzjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE huma b'dan imħassra mill-1 ta' Jannar 2014.
2. L-azzjonijiet li jinbdew fil-31 ta' Diċembru 2013 jew qabel, abbażi tad-Deċizzjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE, u Nru 1298/2008/KE, għandhom jiġu amministrati, *fejn* rilevanti, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw fuq livell nazzjonali t-tranżizzjoni bla tfixkil bejn l-azzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-programmi preċedenti fl-oqsma tat-tagħlim tul il-ħajja, taż-żgħażaġh u tal-kooperazzjoni internazzjonali fl-edukazzjoni għolja u dawk li jridu jiġu implimentati taħt il-Programm.

Artikolu 38
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu*** f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Indikaturi għall-evalwazzjoni tal-Programm

Il-Programm se jiġi mmonitorjat mill-qrib abbażi ta' sett ta' indikaturi maħsuba biex ikejlu safejn l-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm ikunu ntlaħqu u bl-għan li jiġu minimizzati l-piż u l-ispejjeż amministrattivi. Għal dak l-għan, se tinġabar data fir-rigward tas-sett ta' indikaturi ewlenin li ġejjin.

<i>Mira ewlenija tal-edukazzjoni tal-Ewropa 2020</i>	<i>Il-perċentwali tan-nies bejn it-18-24 sena li jkollhom biss edukazzjoni sekondarja bikrija u mhumiex irreġistrati f'istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jew taħriġ</i>
	<i>Il-perċentwali ta' dawk bejn it-30 u l-34 sena li jkunu lestew l-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti</i>

<i>Punt ta' riferiment għall-mobbiltà, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar punt ta' riferiment għall-mobbiltà fit-tagħlim</i>	<i>Il-perċentwali ta' gradwati mill-edukazzjoni għolja li kellhom perjodu ta' studji jew taħriġ b'rabta mal-edukazzjoni għolja (inkluż esperjenzi tax-xogħol) barra l-pajjiż</i>
	<i>Il-perċentwali ta' persuni bejn it-18 u l-34 sena bi kwalifika ta' livell ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjoni inizjali li jkunu għamlu perjodu ta' studju jew taħriġ inizjali b'rabta mal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (inkluż esperjenzi tax-xogħol) barra l-pajjiż</i>

Kwantitattiv (ġenerali)	<i>L-għadd ta' persunal appoġġat mill-Programm, skont il-pajjiż u skont is-settur</i>
	<i>L-għadd ta' parteċipanti bi bżonnijiet speċjali jew b'inqas opportunitajiet</i>
	<i>L-għadd u t-tip ta' organizzazzjonijiet u proġetti, skont il-pajjiż u skont l-azzjoni</i>

L-edukazzjoni u t-taħriġ	<i>L-għadd ta' tfal tal-iskola, studenti u trainees li jipparteċipaw fil-Programm, skont il-pajjiż, is-settur, l-azzjoni u l-ġeneru</i>
	<i>L-għadd ta' studenti tal-edukazzjoni għolja li jirċievu appoġġ biex jistudjaw f'pajjiż sħab, kif ukoll in-numru ta' studenti minn pajjiż sħab li jiġu jistudjaw f'pajjiż fil-Programm</i>
	<i>L-għadd ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja ta' pajjiż sħab li mhumex involuti f'azzjonijiet ta' mobbiltà u kooperazzjoni</i>
	<i>L-għadd ta' utenti ta' Euroguidance</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti li jkunu rċevew ċertifikat, diploma jew tip ieħor ta' rikonoxximent formali tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti li jiddikjaraw li jkunu żiedu l-kompetenzi ewlenin tagħhom</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti f'mobbiltà fuq żmien twil li jiddikjaraw li jkunu żiedu l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom</i>

Jean Monnet	<i>L-għadd ta' studenti li ngħataw taħriġ permezz tal-attivitajiet Jean Monnet</i>
--------------------	--

Żgħażaġħ	<i>L-għadd ta' żgħażaġh involuti f'azzjonijiet ta' mobbiltà appoġġati mill-Programm, skont il-pajjiż, l-azzjoni u l-ġeneru</i>
	<i>L-għadd ta' organizzazzjonijiet żgħażaġh kemm mill-pajjiżi fil-Programm kif ukoll minn pajjiżi sħab involuti f'mobbiltà internazzjonali u f'azzjonijiet ta' kooperazzjoni</i>
	<i>L-għadd ta' utenti tan-netwerk Eurodesk</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti li jkunu rċevew ċertifikat – pereżempju Youthpass –, diploma jew tip ieħor ta' rikonoxximent formali għall-parteeċipazzjoni tagħhom fil-Programm</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti li jiddikjaraw li jkunu żiedu l-kompetenzi ewlenin tagħhom</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti f'attivitajiet volontarji li jiddikjaraw li jkunu żiedu l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom</i>

Sport	<i>Għadd ta' membri tal-organizzazzjonijiet tal-isport li japplikaw għal, u jieħdu sehem fil-Programm, skont il-pajjiż</i>
	<i>Il-perċentwali ta' parteċipanti li jużaw ir-riżultati tal-proġetti transkonfinali biex:</i> <i>(a) jiġġieldu t-theddid għall-isport;</i> <i>(b) itejbu l-governanza tajba u l-karrieri doppji;</i> <i>(c) itejbu l-inklużjoni soċjali, l-opportunitajiet indaqs u r-rati ta' parteċipazzjoni</i>

ANNESS II

Informazzjoni teknika rigward il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti

1. *Għażla tal-intermedjarji finanzjarji*

Wara li tkun saret sejħa għall-espressjoni ta' interess, l-intermedjarji finanzjarji għandhom jintgħażlu f'konformità mal-aħjar Prattika tas-Suq b'kont meħud, inter alia, ta':

- (a) il-volum ta' finanzjament li jsir lill-istudenti;***
- (b) l-aktar kundizzjonijiet favorevoli possibbli offruti lill-istudenti, soġġett għall-konformità mal-istandards minimi tas-self kif spjegat fil-paragrafu 2;***
- (c) l-aċċess għall-finanzjament mir-residenti kollha tal-pajjiżi fil-Programm imsemmi fl-Artikolu 24(1);***

(d) miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi; u

(e) konformità mad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

2. Protezzjonijiet għal min jissellef

Is-salvagwardji li ġejjin huma t-termini minimi li għandhom jiġu pprovduti mill-intermedjarji finanzjarji li jkunu jixtiequ jipprovdu lill-istudenti selfiet iggarantiti mill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti:

(a) l-ebda garanzija kollaterali jew parentali m'għandha tintalab;

(b) is-self għandu jingħata fuq bażi mhux diskriminatorja;

(c) bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni, l-intermedjarju finanzjarju għandu jikkunsidra r-riskju ta' tidjin żejjed tal-istudent, billi jitqiesu l-livelli ta' dejn akkumulat u kwalunkwe deċiżjoni ġuridika dwar dejn mhux imħallas; u

¹ Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

- (d) *il-ħlas lura għandu jkun ibbażat fuq mudell ibridu li jikkumbina ħlasijiet standardizzati 'ibbażati fuq self b'ipoteka' ma' salvagwardji soċjali, b'mod partikolari:*
- (i) *rata ta' interess imnaqqa b'mod sinifikanti meta mqabbla mar-rati tas-suq;*
 - (ii) *perjodu ta' grazzja inizjali, qabel ma jibda l-ħlas lura, għal perjodu minimu ta' 12-il xahar wara tmiem il-programm ta' studji, jew, fejn il-liġi nazzjonali ma tkunx tipprovdi għal skadenzi bħal dawn, dispożizzjoni li l-ħlas lura nominali jkollu jsir matul dak il-perjodu ta' 12-il xahar;*
 - (iii) *dispożizzjoni biex issir pawża fil-ħlasijiet lura ("repayment holiday"), għal perjodu minimu ta' 12-il xahar tul iż-żmien tad-dejn, li jista' jiġi invokat fuq talba tal-gradwat jew, fejn il-liġi nazzjonali ma tkunx tipprovdi għal tali skadenzi, dispożizzjoni li l-ħlas lura nominali jsir matul dak il-perjodu ta' 12-il xahar;*

- (iv) *għażla ta' differiment tal-ħlas tal-interessi matul il-perjodu tal-istudju;*
- (v) *assigurazzjoni kontra l-mewt jew id-diżabbiltà; u*
- (vi) *l-ebda penali għall-ħlas lura bikri totali jew parzjali.*

L-intermedjarji finanzjarji jistgħu joffru ħlasijiet lura skont id-dħul, kif ukoll termini mtejbja bħal perjodi itwal ta' grazzja, pawżi itwal mill-ħlasijiet lura ("repayment holidays") jew maturità iktar tard, biex jitqiesu l-bżonnijiet speċifiċi tal-gradwati, bħal dawk li mbagħad ikomplu jistudjaw għal dottorat, jew biex il-gradwati jingħataw iktar żmien biex isibu impjeg. Id-dispożizzjoni ta' tali termini mtejbja għandha tiġi kkunsidrata fil-proċedura tas-selezzjoni tal-intermedjarji finanzjarji.

3. *Monitoraġġ u evalwazzjoni*

Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti għandha tkun soġġetta għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament, u abbażi tal-Artikolu 140(8) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

Bħala parti minn dan il-proċess, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-effetti tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti fuq il-benefiċjarji u fuq is-sistemi tal-edukazzjoni għolja. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandha tinkludi, inter alia, data dwar - kif ukoll miżuri proposti għat-trattament ta' xi oqsma li jqajmu tħassib fir-rigward ta':

- (a) l-għadd ta' studenti li jirċievu self appoġġat mill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudjanti, inkluża data dwar ir-rati ta' tlestija tal-istudju tagħhom;*
- (b) il-volum tas-self ikkuntrattat mill-intermedjarji finanzjarji;*
- (c) il-livell ta' rati ta' interessi;*
- (d) id-dejn pendenti u l-livelli ta' inadempjenza, inkluż miżuri meħuda mill-intermedjarji finanzjarji kontra dawk li jwettqu l-inadempjenza fuq id-dejn tagħhom;*
- (e) miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi meħuda minn intermedjarji finanzjarji;*

- (f) il-profil tal-istudenti appoġġati, inkluż l-isfond soċjoekonomiku tagħhom, is-suġġett tal-istudju, il-pajjiż ta' oriġini u l-pajjiż ta' destinazzjoni, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data;*
- (g) bilanċ ġeografiku tal-użu ; u*
- (h) kopertura ġeografika tal-intermedjarji finanzjarji.*
- *Minkejja s-setgħat mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 140(9) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, il-Kummissjoni għandha tqis il-proposta ta' tibdil regolatorju meħtieġ, inkluż tibdil leġislattiv, jekk l-użu previst tas-suq jew il-parteciġipazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji ma jkunx soddisfaċenti.*

4. **Baġit**

L-allokazzjoni baġitarja għandha tkopri l-ispejjeż kollha tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti, inkluż l-obbligi ta' ħlas lejn l-intermedjarji finanzjarji parteċipanti li jitolbu garanzija parzjali u l-miżati ta' ġestjoni tal-FEI.

Il-baġit assenjat lill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 18(2), m'għandux ikun ta' iktar minn 3,5 % tal-baġit totali għall-Programm.

5. **Viżibbiltà u sensibilizzazzjoni**

Kull intermedjarju finanzjarju parteċipanti għandu jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti billi jipprovdi informazzjoni lil studenti prospettivi. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, inter alia, tipprovdi lill-aġenziji nazzjonali fil-pajjiżi fil-Programm bl-informazzjoni meħtieġa biex dawn ikunu jistgħu jaġixxu bħala kanali għall-informazzjoni dwar il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti.
